MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 864/2012

**Fl-Atti tal-Kontromandat Numru 1265/2012**
**wara l-Mandat ta' Arrest ta' Inġenji tal-Ajru**
**Kawtelatoru Nru 1223/2012**

**Av. Joseph J. Vella bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. (Numru ta' Reġistrazzjoni ta' 01253590879)**

**vs**

**ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited**
**u**

**Wind Jet S.p.A**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon (ID114474M) bħala mandatarju speċjali tal-kumpanija estera ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited prezentat fid-29 ta' Awwissu 2012 fejn espona:

**Preliminari**

Illi r-rikorrent *nomine* huwa debitament awtorizzat jagħmel ir-rikors odjern għan-nom ta' ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited permezz ta' prokura mogħtija lilu mill-istess kumpanija kopja annessa u mmarkata **Dok "A"**;

Illi dan ir-rikors qed isir *a tenur* tal-**artikolu 836 (7) tal-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)**;

Illi fil-21 ta' Awwissu 2012 il-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' inġenji ta' l-ajru fuq imsemmi li permezz tiegħu ġie arrestat l-ajruplan proprjeta' tal-kumpanija esponenti ossia l-ajruplan tal-għamla Airbus Industrie A320-211 reġistrat ġewwa l-Irlanda bin-numru ta' reġistrazzjoni EI-DOE u bin-numru tas-serje tal-manifattur 215 (MSN 215) flimkien mal-magni tiegħu ta' l-għamla CFM56-5A1 u d-dokumenti u partijiet aċċessorji kollha tiegħu (flimkien hawn imsejħa l-**Ajruplan**);

Illi fit-29 ta' Awwissu 2012, il-kumpanija esponenti sabiex tikseb ir-rilaxx immedjat ta' l-Ajruplan u timminimizza d-danni nġenti li bdiet iġġarrab riżultat tal-istess arrest iddepożitat permezz taċ-ċedola ta' depożitu l-ammont pretiz mill-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. (flimkien mal-ispejjez taċ-ċedola relattiva)u ottjeniet il-ħruġ ta' kontro-mandat numru /2012 u r-rilaxx konsegwenzjali tal-Ajruplan, u dan kompletament mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni tal-kumpanija esponenti dwar il-pretensjonijiet tal-kumpanija Socjeta Aeroporto Catania S.p.A.;

Illi jirriżulta illi l-mandat ta' arrest maħruġ mill-kumpanija Socjeta Aeroporto Catania S.p.A. ma kienx maħruġ skont

il-liġi u senjatament kien ottjenut bi ksur tal-**artikoli 836(1) (f), 836(1) (d) u 836(1) (b) tal-Kapitolu 12** u bi ksur tad-drittijiet speċjali tal-kumpanija skont l-**artikoli 41 u 33 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru (Kap. 503)** u bi ksur tad-drittijiet tagħha skont id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Skeda tal-istess Att (ċioe' il-*Cape Town Convention on International Interests in Mobile Equipment and the Aircraft Protocol Thereto* kif ratifikata ġewwa Malta);

Illi permezz ta' dan ir-rikors ser issir ukoll talba *a tenur* tal-**artikolu 838A tal-Kapitol 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

**Sfond Fattwali**

Illi l-kumpanija esponenti ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited hija sid l-inġenji tal-ajru mertu tal-mandat ta' arrest fuq imsemmi u ċioe' l-ajruplan tal-għamla Airbus Industrie A320-211 reġistrat ġewwa l-Irlanda bin-numru ta' reġistrazzjoni EI-DOE u bin-numru tas-serje tal-manifattur 215 (MSN215) flimkien mal-magni tiegħu ta' l-għamla CFM56-5A1 u d-dokumenti u partijiet aċċessorji kollha tiegħu (**Dok "B"**);

Illi l-Ajruplan kien operat mill-kumpanija intimata l-oħra Wind Jet S.p.A. abbażi ta' ftehim (*aircraft lease agreement)* li hemm bejn ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited u Wind Jet S.p.A datat 25 ta' Mejju, 2006 (kif sussegwentement emendat minn żmien għal ieħor) u fiż-żmien ta' l-arrest kienet għaddejja bil-proċess ta' *repossession* ta' l-Ajruplan *a tenur* tal-istess ftehim *stante* illi Wind Jet S.p.A. kienet iddekadiet mill-obbligi tagħha taħt l-istess ftehim;

Illi l-kumpanija esponenti hija wkoll detentur ta' garanzija reali (*security interest*) għall-fini tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru (**Kap. 503**) liema garanzija reali tikkostitwixxi wkoll *international interest* u *registered interest a tenur* tal-Ewwel Skeda ta' l-istess Att (*The Implementing Law of the Cape Town Convention on International Interests in Mobile Equipment and the Aircraft Protocol Thereto)*;

Illi d-dritt tal-kumpanija esponenti li tikseb ir-reġistrazzjoni ta’ l-*international interest* kien possibbli għaliex l-Ajruplan huwa reġistrat ġewwa l-Irlanda fejn il-*Cape Town Convention* ġiet ratifikata b’effett mid-29 ta’ Lulju, 2005;

Illi l-istess Konvenzjoni ġiet adottata fil-liġi Maltija permezz tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ l-Inġenji tal-Ajru (**Kap. 503**) b’effett mill-1 ta’ Frar 2011;

Illi kopja taċ-ċertfikat ta’ reġistrazzjoni tal-*international interest* tal-kumpanija esponenti fir-Reġistru Internazzjonali qed tiġi annessa u mmarkata **Dok “C”**;

Illi peress illi l-kumpanija li kienet topera l-Ajruplan, il-Wind Jet S.p.A., kienet moruża fil-ħlasijiet tal-kirjiet dovuti lill-kumpanija esponenti u kienet qed tikser diversi obligazzjonijiet oħra illi għandha taħt l-*Aircraft Lease Agreement*, fiż-żmien tal-arrest il-kumpanija esponenti kienet qed teżerċita r-rimedji spettanti lilha skont l-istess ftehim ta’ kiri inkluz li tieħu lura l-pussess tal-Ajruplan, u fil-fatt fil-11 ta’ Awwissu 2012 (id-data li fiha l-Wind Jet wafqet l-operazzjonijiet kummerċjali kollha tagħha) l-Ajruplan kien ġie mibgħut Malta sabiex jibda dan il-proċess ta’ *repossession*, liema proċess kien għadu għaddej fiż-żmien ta’ l-arrest maħruġ fil-21 ta’ Awwissu 2012 u li ġie interrott minħabba l-istess arrest (estratt tal-*Aircraft Lease Agreement* dwar ir-rimedji f’kaz ta’ ksur tal-ftehim qed jiġi eżebit ma dan ir-rikors u mmarkat **Dok “D”**);

Illi l-kumpanija esponenti ġiet infurmata illi l-Ajruplan tagħha kien ġie arrestat b’mandat intavolat minn Socjeta`` Aeroporto Catania S.p.A. iktar tard dik il-ġurnata stess u dan mingħajr ebda preavviz fi żmien meta l-kumpanija esponenti ma kellha ebda ħjiel illi kien hemm xi pretensjoni kontra tagħha jew kontra l-Ajruplan u fi żmien meta kienet qiegħda fil-proċess li tieħu lura l-pussess tal-Ajruplan;

**Il-Mandat ta’ Arrest ma Setax Isir għaliex huwa bi ksur tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap.12**

Illi kif ser jirriżulta miċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz l-mandat ta' arrest *de quo* ma setax isir u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna r-rilaxx tas-sommom depożitati mill-kumpanija esponenti wara l-istess mandat ta' arrest għaliex ma kienx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ u ma kienx ġustifikabbli (**Art 836(1) (f))**; kif ukoll għaliex l-ammont mitlub fil-mandat ma kienx *prima facie* ġustifikat u hu eċċessiv (**Art 836(1) (d)**); u għaliex diversi mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-istess mandat ma jeżistux (**Art 836 (1) (b**).

*Ksur ta'* ***Art 836(1)(f)***

Illi fl-ewwel lok u bħala sfond irid jingħad illi sakemm ma ġiet rinfaċċata bil-mandat ta' arrest fil-21 ta' Awwissu 2012 il-kumpanija esponenti qatt ma ġiet infurmata jew notifikata b'xi talba għall-ħlas jew b'xi att legali jew ġudizzjarju ieħor la ġewwa l-Italja u wisq anqas ġewwa Malta jew x'imkien ieħor dwar xi pretensjoni li seta' kellha l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. kontra tagħha. Il-pretensjoni tal-kumpanija Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. hija naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali li kellha mall-kumpanija Wind Jet S.p.A. li kienet topera l-ajruplani tagħha minn ġewwa dan l-ajruport u mhux minn xi relazzjoni kuntrattwali mal-kumpanija esponenti. Għalhekk ma kien qatt possibbli għall-kumpanija esponenti illi tkun taf li hemm jew jekk hemmx xi drittijiet dovuti lill-kumpanija Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A sakemm din ma tiġix debitament avżata b'dan;

Illi in prinċipju ma jista' qatt jitqies illi huwa raġonevoli jew ġustifikabbli mandat ta' arrest ta' dan it-tip fuq apparat illi jiswa l-miljuni ta' ewro, li jinħareġ kontra debitur qabel ma l-kreditur jkun b'xi mod għamel talba għall-ħlas tad-debitu allegat. Dan huwa rifless fl-**artikolu 836 (8) tal-Kap.12** li jikkontempla bħala wieħed mill-każijiet li fih persuna li jkun inħareġ mandat kawtelatorju kontra tiegħu jkun jista' jitlob il-ħlas ta' penali, l-kaz fejn kreditur ma jkunx ġie debitament avżat bl-allegat dejn in kwistjoni qabel il-ħruġ tal-mandat;

Illi b'dan in-nuqqas minn naħa tal-kumpanija Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A, il-kumpanija esponenti ġiet miċħuda mill-opportunita' illi (i) tivverifika l-pretensjonijiet tal-kumpanija rikorrenti u teżamina d-dokumenti relattivi kollha (fil-fatt sad-data ta' llum għadha lanqas biss għandha kopja ta' xi fattura jew dokument ieħor li jagħti xhieda tal-pretensjonijiet msemmija fil-mandat ta' arrest; jew (ii) teżerċita d-drittijiet mogħtija lilha mill-ftehim ta' kiri (ossia l-A*ircraft Lease Agreement*) mal-Wind Jet S.p.A. sabiex tiżgura illi l-allegazzjonijiet u pretensjonjiet ta' Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. jiġu tratti b'mod urġenti minn Wind Jet S.p.A. u sabiex tevita l-konsegwenzi li hija rinfaċċata bihom illum;

Illi f'dan il-kuntest għandu jiġi rilevat illi fil-11 ta' Awwissu 2012 l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. ippreżentat rikors fit-*Tribunale Civile di Catania* fejn talbet il-ħruġ ta' *sequestro conservativo* fuq *inter alia* l-Ajruplan u fid-digriet tal-istess Qorti f'dik l-istess ġurnata fil-waqt illi l-qorti Taljana laqat proviżorjament it-talba tal-kumpanija rikorrenti, hija ġiet ordnata sabiex tagħmel id-debiti notifiki sa mhux aktar tard mid-19 ta' Awwissu 2012 (kopja annessa u mmarkata **Dok "E"**);

Illi bi ksur tal-ordni ta' dik il-Qorti l-kumpanija Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. qatt ma nnotifikat lill-kumpanija esponenti dwar xi talba jew pretensjoni fil-konfront tagħha u saħansitra jumejn wara li skada dan iż-żmien mogħti lilha u mingħajr preavviz, hija intavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' arrest *de quo* kontra l-kumpanija esponenti hawn Malta;

Illi bir-rispett dan l-aġir tal-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. huwa bi ksur ta' ordni diretta ta' Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk huwa illegali u barra minn hekk kif spjegat hawn fuq ippreġudika d-drittijiet tal-kumpanija esponenti għaliex ma kellhiex l-opportunita' illi tivverifika l-pretensjonijiet magħmula fil-konfront tagħha u illi tevita l-ħruġ tal-mandat ta' arrest fuq l-inġenji tal-ajru tagħha billi teżerċita' d-drittijiet tagħha taħt l-*Aircraft Lease Agreement* ma Wind Jet S.p.A.;

Illi jrid jiġi rilevat li fil-fatt fit-28 ta' Awwissu 2012 it-*Tribunale di Catania* rrevokat id-digriet tagħha u ċaħdet definitivament it-talba tal-kumpanija rikorrenti għall-qbid jew arrest kawtelatorju tal-inġenji hemm imsemmija, inkluz l-ajruplan maqbud permezz tal-mandat ta' arrest *de quo* hawn Malta, u dan preċiżament għaliex il-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. iddekadiet mill-ordni ta' *Tribunale di Catania* għan-notifika lill-partijiet rilevanti (kopja annessa u mmarkata **Dok "F"**);

Illi għalhekk fiċ-ċirkostanzi huwa sottomess bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara *a tenur* tal-**artikolu 836(7)** li dan il-mandat ma setax isir u tordna konsegwentement ir-rilaxx u zbank immedjat tal-ammonti depożitati mill-kumpanija esponenti għaf-favur tal-istess kumpanija esponenti;

*Ksur ta'* ***Art 836(1)(d)***

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta *prima facie* illi l-ammont mitlub fil-mandat ma huwiex *prima facie* ġustifikat u hu eċċessiv u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara illi l-mandat ta' arrest ma setax isir għaliex huwa bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12** u tordna konsegwentement *a tenur* tal-**artikolu 836(7)** ir-rilaxx u żbank ta' l-ammonti depożitati mill-kumpanija esponenti għaf-favur tal-istess kumpanija esponenti;

Illi kif jirriżulta mir-rikors tal-11 ta' Awwissu 2012 intavolat mill-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. fit-*Tribunale Civile di Catania* (**Dok "E"** a fol. 3 tiegħu) fir-rigward tal-Arjuplan in kwistjoni (ċioe' EI-DOE, MSN 215) u fir-rigward ta' l-arjuplan l-ieħor arrestat kontestwalment ma' l-arrest odjern (u ċioe' l-arjuplan EI-DFN, MSN 204), l-ammont komplessiv dovut fir-rigward taż-żewġ ajruplani EI-DOE, MSN 215 u EI-DFN, MSN 204 kien dikjarat li huwa fl-ammont komplessiv ta' €1.342.203,67;

(Illi bħala parentesi għandu jiġi rilevat illi fir-rikors imsemmi l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A.

iddikjarat illi dawn iż-żewġ arjuplani huma proprjeta' ta' AerCap Holdings B.V., ħaġa li hija kompletament żbaljata għaliex iż-żewġ arjuplani in kwistjoni huma proprjeta' ta' persuni oħra u senjatament il-kumpanija esponenti fir-rigward tal-ajruplan EI-DOE, MSN 215 u l-kumpanija Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited fir-rigward tal-ajruplan EI-DFN, MSN 204);

Illi għalkemm il-kumpanija rikorrenti ddikjarat fit-*Tribunale di Catania* illi l-ammont dovut fir-rigward ta' dawn ż-zewġ ajruplani fid-data li l-Wind Jet S.p.A. wafqet l-operazzjonijiet tagħha u ċioe' fil-11 ta' Awwissu 2012 huwa komplessivament ta' €1.342.203,67, fil-mandati ta' arrest inavolati hawn Malta l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. ddikjarat illi l-ammonti dovuti fir-rigward ta' dawn iż-żewġ ajruplani huwa ta' €1,029,552.39 fir-rigward ta' l-ajruplan EI-DFN, MSN 204 u ta' €1.305.642,57 fir-rigward ta' l-ajruplan mertu ta' dan ir-rikors (EI-DOE, MSN 215) - għall-ammont komplessiv ta' <u>€2.335.194,96</u>;

Illi jrid jingħad illi l-Wind Jet S.p.A. wafqet l-operazzjonijiet tagħħa preċiżament fil-11 ta' Awwissu 2012 u ċioe' fid-data meta l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. ppreżentat ir-rikors tagħha fit-*Tribunale di Catania* u f'dik id-data iż-żewġ ajruplani in kwistjoni kienu Malta. Għalhekk, fil-waqt illi l-kumpanija esponenti ma għandhiex il-benefiċċju tad-dokumenti relattivi għall-pretensjonijiet tal-kumpanija rikorrenti, jidher *prima facie* illi huwa impossibbli li l-ammont dikjarat fir-rikors fl-Italja li hu dovut fuq dawn iż-żewġ ajruplani (€1.342.203,67) żied b'miljun ewro (għal <u>€2.335.194,96</u>) wara dik il-ġurnata għaliex f'dik il-ġurnata l-ajruplani kienu qiegħdin Malta u ma kienu qed jagħmlu ebda titjiriet;

Illi għalhekk jirriżulta *prima facie* mid-dokumenti ġudizzjari hawn eżebiti illi l-ammont imsemmi fil-mandat ta' arrest odjern huwa *prima facie* eċċessiv u għalhekk ukoll dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara *a tenur* tal-**artikolu 836(7)** li dan il-mandat ma setax isir għaliex huwa bi ksur tal-**artikolu 836(1)(d)** u tordna konsegwentement ir-rilaxx

u żbank tal-ammonti depożitati mill-kumpanija esponenti għaf-favur tal-istess kumpanija esponenti.

*Ksur ta'* ***Art 836(1)(b)***

Illi f'kaz li (kif qed jirriżulta *prima facie)* l-pretensjoni tal-kumpanija Socjeta Aeroporto Catania S.p.A. kif dedott fil-mandat ta' arrest hija eċċessiva (kif intqal hawn fuq) l-mandat ta' arrest jista' jkun ukoll milqut bl-illegalita fis-sens illi xi ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ ta' dan il-mandat ma kienux jeżistu meta inħareġ il-mandat, f'liema kaz ukoll dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna ir-rilaxx u żbank immedjat tal-ammonti depożitati mill-kumpanija esponenti għaf-favur tal-istess kumpanija esponenti *a tenur* tal-**artikolu 836(7) tal-Kap. 12**;

Illi dan qed jingħad għaliex *a tenur* tal-**artikolu 865E tal-Kapitolu 12**, mandat ta' arrest ta' inġenju ta' l-ajru li jintuża għat-trasport pubbliku, kif inhu l-Ajruplan in kwistjoni, **ma jistax jiġi maħruġ sakemm il-pretensjoni tar-rikorrenti tkun inqas minn miljun ewro (€1,000,000)**;

Illi għaldaqstant fil-waqt illi jidher *prima facie* illi l-pretensjoni tal-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. kif dedotta fil-mandat ta' arrest hija eċċessiva, f'kaz li l-pretensjoni fir-rigward tal-Ajruplan arrestat ma teċċedix il-miljun ewro (€1,000,000) allura dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara *a tenur* tal-**artikolu 836(7)** li dan il-mandat ma setax isir u tordna konsegwentement ir-rilaxx u żbank tal-ammonti depożitati mill-kumpanija esponenti għaf-favur tal-istess kumpanija esponenti u tordna wkoll illi l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. tħallas lill-kumpanija esponenti penali (li tistabbilixxi l-Qorti) *a tenur* tal-**artikolu 865G tal-Kap.12**;

**Il-Mandat ta' Arrest ma Setax Isir għaliex huwa bi Ksur tad-Drittijiet Speċjali tal-Kumpanija Esponenti skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Inġenji tal-Ajru u skont il-*Cape Town Convention***

Illi kif intqal hawn fuq il-kumpanija esponenti inkwantu sid u *lessor* tal-Ajruplan hija wkoll detentur ta’ garanzija reali (*security interest*) *a tenur* tal-Att dwar r-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru (**Kap. 503**) għaliex id-drittijiet tagħha ta’ *lessor* emanenti mill-*aricraft lease agreement* ma’ Wind Jet S.p.A. jikkostitwixxu *international interest* reġistrat fir-Reġistru Internazzjonali *a tenur* tal- *Cape Town Convention on International Interests in Mobile Equipment and the Aircraft Protocol Thereto – 2001* (ara **Dok “C”**);

Illi kif intqal ukoll, fiż-żmien meta inħareġ il-mandat ta’ arrest odjern il-kumpanija esponenti kienet fil-proċess illi tieħu lura l-pussess tal-Ajruplan peress illi l-Wind Jet S.p.A. kisret l-obbligi tagħha taħt l-kirja ta’ l-istess Ajruplan u dan skont id-drittijiet mogħtija lilha fl-*Aricraft Lease Agreement*, drittijiet koperti bi garanzija reali skont il-**Kap. 503** u *registred international interest* skont il-*Cape Town Convention*;

Illi l-unika mod kif il-kumpanija esponenti setgħet tkompli bil-proċess ta’ *repossession* wara li sar l-arrest kien billi tiddepożita b’mod immedjat fir-Reġistru tal-Qorti somma ekwivalenti għall-pretensjonijiet tal-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. halli tikseb ir-revoka immedjata tal-mandat ta’ arrest u dan kellha tagħmlu bħala rimedju aħħari u estrem fiċ-ċirkostanzi tenut il-ħsara nġenti ta’ eluf ta’ ewro kuljum li bdiet iġġarrab minħabba l-istess arrest;

Illi l-azzjoni meħuda mill-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. xekklet id-dritt tal-kumpanija esponenti illi tieħu l-pussess u l-kontroll assolut tal-ajruplan tagħha, dritt illi skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ l-Inġenji tal-Ajru (**Kap. 503**) u l-*Cape Town Convention* huwa dritt privileġġjat u assolut u li ma jistax jiġi mfixkel minn ebda kreditur sakemm ma jkollux garanzija reali jew *international interest* li tippreċedi dik tal-kumpanija esponenti;

Illi l-kumpanija rikorrenti Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A. ma għandiex garanzija reali fil-konfront tal-Ajruplan

u għalhekk ma għandha ebda privileġġ jew dritt speċjali fuq l-Ajruplan skont il-liġi.

Illi għalhekk id-drittijiet tal-kumpanija esponenti in kwantu *lessor* tal-Ajruplan hekk kif inhuma koperti bi garanzija reali (in kwantu hija detentur ta' *international interest* reġistrata taħt il-*Cape Town Convention*) għandhom jingħataw prijorita' assoluta fuq id-drittijiet ta' Socjeta` Aeroporto Catania S.p.A.;

Illi dawn id-drittijiet li huma dedotti fl-**artikoli 41 u 33 tal-Kap 503** kif ukoll fl-**artikolu 10 tal-*Cape Town Convention* u Artikolu IX tal-Protocol tal-istess Konvenzjoni** jinkludu d-dritt li l-kumpanija esponenti tieħu l-pussess assolut u l-kontroll assolut tal-Ajruplan, dritt li hija kienet qed teżerċita qabel ma sar il-mandat ta' arrest in kwistjoni;

Illi għalhekk il-mandat ta' arrest, in kwantu tellef lill-kumpanija esponenti fil-pussess u kontroll assolut tal-Ajruplan kien bi ksur tad-drittijiet tagħha naxxenti mill-**Kap. 503** u mill-*Cape Town Convention* u għalhekk kien illegali u ma setax isir;

Illi senjatament, *a tenur* tal-**artikolu 41(2) tal-Kap. 503** garanzija reali (jew *international interest* reġistrata fir-Reġistru Internazzjonali skont id-disposizzjonijiet tal-*Cape Town Convention* bħalma hija dik tal-kumpanija esponenti) għandha tiġi rikonoxxuta u tkun eżegwibbli skont il-liġijiet ta' Malta u jkollha l-istatus u d-drittijiet u setgħat kollha speċifikati fil-Konvenzjoni u dan sew jekk din il-garanzija tkun ġiet reġistrata fir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru, sew jekk ma tkunx ġiet hekk reġistrata;

Illi *a tenur* tal-**artikolu 41(3)** tal-istess Att, mingħajr preġudizzju għal kull rimedju għal ksur li jista' jkun applikabbli skont l-Konvenzjoni, id-detentur ta' garanzija reali (bħalma hi l-kumpanija esponenti) li tkun reġistrata skont l-Konvenzjoni għandu, meta jkun hemm xi ksur ta' xi terminu jew kondizzjoni ta' dik il-garanzija jew ta' xi dokument jew ftehim imsemmijin fiha, u wara li jagħti avviż bil-miktub lid-debitur –

a) ikollu d-dritt li jittermina l-ftehim **u jieħu l-pussess jew il-kontroll** tal-inġenji tal-ajru li għalih jirreferi l-ftehim; jew

b) jagħmel rikors fil-qorti biex tawtorizza jew tordna xi wieħed minn dawk iż-żewġ atti.

Illi skont is-**subinċiż (4)** tal-istess Att, garanzija reali li tkun reġistrata skont l-Konvenzjoni hija titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-**artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura ċivili** meta tiżgura d-drittijiet ta' sid il-kera (*lessor*) taħt ftehim ta' kera;

Illi dawn is-setgħat fuq imsemmija jistgħu jiġu eżerċitati mill-kreditur mingħajr il-ħtieġa ta' permess ta' xi qorti iżda jekk il-kreditur (f'dan il-kaz il-kumpanija esponenti) jitlob l-appoġġ tal-qorti minħabba fi xkiel biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu, **il-qorti għandha tagħti l-appoġġ kollu lid-detentur tal-garanzija reali kemm jista' jkun malajr, inkluż billi tagħmel dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' drittijiet ta' sjieda (*ownership*) jew ta' sid il-kera jew it-temm ta' drittijiet pussessorji fuq l-inġenji tal-ajru;**

Illi barra minn hekk, fir-rigward ta' detenturi ta' garanziji reali reġistrati japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet ta' *inter alia* l-**artikoli 33(2) u (8) tal-Kap. 503**;

Illi skont l-**artikolu 33(2)** is-setgħat imsemmija ta' detentur ta' garanzija reali reġistrata inkluz id-dritt li jieħu pussess u kontroll assolut tal-Ajruplan jistgħu jiġu eżerċitati mingħajr il-ħtieġa ta' permess ta' xi qorti u jekk l-istess kreditur jitlob l-appoġġ tal-qorti minħabba fi xkiel **minn xi persuna** biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu, il-qorti **għandha tagħti l-appoġġ kollu lill-istess kreditur kemm jista' jkun malajr**;

Illi fil-fatt il-liġi tmur oltre dan u saħansitra timponi obbligu **fuq kull terza persuna** (inkluz għalhekk il-kumpanija rikorrenti Socjeta' Aeroporto di Catania S.p.A.) li b'xi mod jkollha l-pussess tal-inġenji tal-ajru **li tikkopera bis-sħiħ** mal-kreditur u detentur tal-garanzija internazzjonali li jkun

qed jenforza d-drittijiet tiegħu sabiex dan jerġa jieħu pussess u kontroll assolut fuq l-ajrupan (**artikolu 33(8) tal-Kap 503)**;

Illi dwar id-disposizzjonjiet tal-*Cape Town Convention* kif ratifikata permezz tal-**Kap. 503**, id-disposizzjonijiet rilevanti għall-fatti u ċirkostanzi odjerni huma s-segwenti:

Illi l-**artikoli 35.1 u 35.7** jiddisponu illi "*A registered interest has priority over any other interest subsequently registered **and over an unregistered interest***" u "*Any priority given by this Article to an interest in an aircraft object extends to proceeds*."

Illi l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni** jirregola r-rimedji li għandu jkoillu *lessor* f'kaz ta' ksur taħt kuntratt ta' kiri ta' ajruplan u jiddisponi illi:

"*In the event of default under a title reservation agreement or under a leasing agreement as provided in **Article 17**, the conditional seller or the lessor, as the case may be, may:*

*(a) terminate the agreement and take possession or control of any aircraft object to which the agreement relates; or*

*(b) apply for a court order authorising or directing either of these acts*"

Illi dawn huma drittijiet assoluti u l-*Cape Town Convention* u l-**Kap 503** huma ntiżi li jipproteġu dawn d-drittijiet bl-aktar mod sħiħ;

Illi għaldaqstant apparti illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara *a tenur* tal-**artikolu 836(7)** li dan il-mandat ta' arrest kien bi ksur tad-drittijiet tal-kumpanija esponenti in kwantu detentur ta' garanzija reali reġistrata *a tenur* tal-**Kap. 503** u l-*Cape Town Convention* u allura ma setax isir, bir-rispett qed jiġi sottomess illi l-kumpanija rikorrenti Socjeta' Aeroporto di Catania S.p.A. stess kellha obbligu illi tagħti kull appoġġ meħtieġ b'mod immedjat lill-

kumpanija esponenti sabiex terġa tieħu lura l-pussess ta' l-ajruplan tagħha u għalhekk il-mandat ta' arrest tagħha kien illegali u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna konsegwentement ir-rilaxx u zbank immedjat ta' l-ammonti depożitati mill-kumpanija esponenti għaf-favur tal-istess kumpanija esponenti;

Illi f'dan ir-rigward ma tistax ma tiġix emfasizzata l-importanza ta' dawn il-proċeduri fl-isfond tax-xogħol li l-Gvern Malti qiegħed jagħmel sabiex jippromwovi lil Malta fl-industrija tal-avjazzjoni. Id-deċiżjoni li ħa l-Gvern li jirratifika l-*Cape Town Convention*, hija deċiżjoni li ttieħdet sabiex Malta tippromwovi ruħha bħala ġurisdizzjoni li tagħti protezzjoni assoluta lis-sidien, *lessors,* u *financiers* ta' inġenji tal-ajru għaliex l-valur ta' dawn l-assi hija tali li mingħajr il-protezzjoni legali meħtieġa u mingħajr il-fiduċja assoluta fil-liġi tal-pajjiz, l-industrija ta' l-avjazzjoni ma jkollhiex il-fiduċja li tfittex lil Malta la bħala pajjiz fejn tista' tirreġistra l-ajruplani, la bħala pajjiz li tramite tiegħu jistgħu jkunu reġistrati kumpanniji li jkunu sidien ta'  ajruplani u wisq anqas bħala pajjiz fejn tista' tibgħat l-ajruplani sabiex jużufruwixxu minn servizzi oħra relatati ma l-avjazzjoni;

Illi wieħed għandu jikkunsidra illi l-industrija tal-avjazzjoni, bħal dik tal-marittimu, hija industrija mmexxija minn numru relattivament żgħir ta' sidien, *lessors* u finanzjaturi ta' ajrpulani u għalhekk bla dubbju dawn l-arresti qed iqajjmu interess partikolari u l-industrija qiegħda tħares u tistenna bir-reqqa sabiex tara kif il-Qrati ta' Malta ser jipproteġu d-drittijiet tas-sidien u l-*lessors* ta' ajruplani taħt il-*Cape Town Convention* u dan għaliex il-benefiċċju tar-ratifikazzjoni tal-*Cape Town Convention* jippresta ruħu biss u jiddependi biss fuq kif ser jiġi applikat mill-Qrati tagħna.  Ma hemmx dubbju li l-industrija ta' l-avjazzjoni qed tistenna bil-ħerqa konferma li l-Qrati ta' Malta ser jiddefendu bis-sħiħ id-drittijiet li tagħti il-Konvenzjoni lid-detenturi ta' *international interests* reġistrati taħt l-istess Konvenzjoni;

Illi barra minn hekk l-importanza tal-*Cape Town Convention* fl-industrija ta' l-avjazzjoni llum ma tistax tiġi enfasizzata biżżejjed.  Din il-Konvenzjoni llum qed ikollha

impatt kbir fuq deċiżjonijiet li jieħdu finanzjaturi, *lessors*, entitajiet governattivi u partijiet interessati oħra f'din l-industrija għaliex per eżempju huma jippreferu jpoġġu l-ajruplani tagħhom jew jiffurmaw entitajiet li bihom jixtru l-ajruplani ġewwa pajjiżi li rratifikaw il-Konvenzjoni u dan ukoll għaliex f'dan il-kaz il-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' l-ajruplani jkunu ferm aħjar;

**Talba ghal Garanzija Xierqa *a tenur* tal-Art 838A tal-Kap. 12**

Illi sabiex tkun tista' timminimizza d-danni nġenti li qed issofri l-kumpanija esponenti minħabba l-arrest illegali illi sar ta' l-Ajruplan tagħha l-kumpanija esponenti ma kelliex alternattiva ħlief illi tiddepożita taħt l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti (kompletament mingħajr preġudizzju) somma ekwivalenti għat-talba tal-kumpanija rikorrenti Socjeta' Aeroporto di Catania flimkien ma' l-ispejjes taċ-ċedola relattiva (numru 1266/2012) u ċioe' s-somma komplessiva ta' €1,306.201.77;

Illi b'riżultat ta' dan il-kumpanija esponenti qed issofri danni u ċioe' qed tiġi miċħuda mill-użu tal-flus tagħha fl-ammont ta' €1,306.201.77 u skont il-liġi u senjatament l-Artikolu 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili d-danni li qed iġġarrab huma l-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont;

Illi skont l-avukati Taljani tal-kumpanija esponenti l-kawża fuq il-mertu li għandha ssir (għaliex sa fejn taf il-kumpanija esponenti għadha ma saritx) ġewwa l-Italja hija mmistennija li ddum sa erba' snin (possibilment aktar) u għalhekk f'kaz illi t-talba tal-kumpanija rikorrenti Socjeta' Aeroporto di Catania ma tirnexxix id-danni li ser tkun intitolata illi titlob il-kumpanija esponenti għaliex qed tiġi miċħuda mill-użu tal-flus tagħha hija ta' €513,666;

Illi *oltre* dan il-kumpanija esponenti diġa ġarrbet spejjez ta' madwar sittin elf ewro (€60,000) b'riżultat dirett ta' l-arrest;

Illi *a tenur* tal-**artikolu 838A tal-Kapitolu 12** l-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi

żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas *inter alia* ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju;

Illi l-kumpanija esponenti għandha interess ċar u dirett illi titlob għalhekk illi f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha illi ma għandiex tiddikajara *a tenur* tal-**artikolu 836(7) tal-Kap. 12** illi d-depożitu magħmul mill-kumpanija esponenti jiġi rilaxxat, tordna lill-kumpanija rikorrenti Socjeta' Aeroporto di Catania S.p.A. sabiex fi żmien stabbilit minnha tagħti garanzija xierqa ta' mhux anqas minn **€567,000** u fin-nuqqas tordna r-rilaxx u zbank tal-flus depozitati mill-kumpanija esponenti fl-atti tal-istess mandat ta' arrest;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha prepmessi l-kumpanija esponenti titlob bir-rispett illi dian l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara *a tenur* tal-**artikolu 836(7) tal-Kap. 12** illi l-mandat ta' arrest ta' Inġenji tal-Ajru Kawtelatoru Nru 1223/2012 maħruġ mill-kumpanija rikorrenti fil-21 ta' Awwissu 2012 kontra l-kumpanija esponenti ma setax isir jew li kien maħruġ kontra l-liġi;

2. Tordna konsegwentement illi l-ammont tal-garanzija depożitata mill-kumpanija esponenti tiġi ritornata lill-kumpanija esponenti sew fl-intier tagħha sew parti minnha jekk ikun il-kaz u tordna għalhekk lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufiħ jiżbanka l-istess somma ta' flus favur il-kumpanija esponenti u tagħti l-ordnijiet oħra li jidrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

3. Tordna lill-kumpanija rikorrenti Socjeta' Aeroporto di Catania S.p.A. tħallas lill-kumpanija esponenti penali *a tenur* tal-**artikolu 836(8**) u/jew l-**artikolu 865G tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

4. F'kaz illi għal xi raġuni dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi l-garanzija depozitata mill-kumpanija esponenti ma għandiex tiġi ritornata jew għandha biss tiġi ritornata *in parte*, tordna lill-kumpanija rikorrenti Socjeta'

Aeroporto di Catania S.p.A. sabiex fi żmien stabbilit minnha tagħti garanzija xierqa għall-ispejjez u danni li ser iġġarrab il-kumpanija esponenti u fin-nuqqas tordna li l-garanzija depozitata mill-kumpanija esponenti tiġi ritornata lilha u tordna għalhekk lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufiħ jiżbanka l-istess somma ta’ flus favur il-kumpanija esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija rikorrenti Socjeta’ Aeroporto di Catania S.p.A.

Rat ir-risposta tal-Avv Joseph J. Vella *nomine* datata 10 ta’ Settembru 2012 fejn espona: -

Illi l-esponent jaghmel referenza ghar-rikors tal-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon nomine intavolat nhar id-29 ta` Awwissu 2012;

Illi in ottemperanza mad-Digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta’ Awwissu, 2012 l-esponent qieghed jipprezenta r-risposta tieghu ghat-talbiet tal-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon nomine kontenuti fir-rikors fuq imsemmi;

***Talba skont l-artikolu 836(7) tal-Kap 12***

Illi l-ewwelnett dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tindaga u tiddeciedi li l-Mandat ta’ Arrest ta’ Ingenji tal-Ajru Kawtelatorju Numru 1223/2012 precitat mahrug mis-socjeta’ rikorrenti fil-21 ta’ Awwissu 2012 kontra s-socjeta’ rikorrenti (Dok. “A”) ma setax isir jew li kien mahrug kontra l-ligi *a tenur* tal-**artikolu 836 (7) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** u lanqas m’ghandha gurisdizzjoni sabiex tiddecidi li konsegwenetement l-ammont tal-garanzija depozitata mill-kumpanija rikorrenti tigi ritornata lilha jew fl-intier jew in parti. Ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha minnufieh tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri mill-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent *nomine*.

Illi testwalment l-imsemmi **artikolu 836 (7)** jipprovdi:

“Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqasabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l - att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il - kontromandat taħt id-disposizzjonijiet ta’ dan l-

artikolu tkun għadha tista’, fuq talba li ssir b’rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista’ wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f’liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur.”

Illi ghalhekk jirrizulta lampanti li sabiex jkollha gurisdizzjoni sabiex tindaga dwar il-legalita’ *o’ meno* tal-Mandat ta’ Arrest ta’ Ingenji tal-Ajru Kawtelatorju *de quo* ghandu jirrizulta li l-kontro-mandat relattiv jkun inhareg *ai termini* ta’ l-**artikolu 836 tal-Kap 12**.

Illi hekk kif jirrizulta lampanti mill-kopja tal-kontro-mandat mahrug minn dina l-istess Onorabbli Qorti fuq talba tar-rikorrent *nomine* (Dok. “B”) l-imsemmi kontromandat ma inharigx minn dina l-Onorabbli Qorti taht l-**artikolu 836 tal-Kap 12** izda sempliciment intuza l-formula disponibbli numru 28 li tohrog mill-imsemmi **Kap. 12**.

Jirrizulta aktar u aktar lampanti li l-kontro-mandat (Dok. “B”) ma inharrigx *a tenur* tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** peress illi dan l-**artikolu (senjatament fis-subincizi 2 u 3**) jipprovdi l-mod procedurali kif ghandha ssir it-talba u li *di piu’* li l-intimat f’dawk il-proceduri (cioe’ l-parti li tkun tablet ghal u tkun ottjeniet il-hrug tal-mandat kawtrelatorju nniffsu) jkollu dritt sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub fi zmien sebghat (7) ijiem minn meta jigi notifikat bit-talba.

Kif jirrizulta mill-kontro-mandat (Dok. “B”) dan gie pprezentat fid-29 ta’ Awwissu 2012 u dak inhar stess dina l-Onorabbli Qorti akkordat it-talba ghal hrug taghha. *Di piu* r-rikorrent *nomine* lanqas indika li l-esponent *nomine* kellu jigi notifikat bl-istess u wisq anqas hallas ghal tali notifika.

Illi ghalhekk, l-ewwel zewg talbiet, li huma lkoll bbazati fuq l-**artikolu 836(7)** ma jistghux jigu sindikati u milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.

***Talba ghal-hlas ta` penali a tenur tal-artikolu 836(8) u/jew 865(G) tal-Kap 12 ta-Ligijiet ta` Malta***

Illi fir-rigward tat-tielet talba tas-socjeta rikorrenti u cjoe t-talba ghall-hlas ta` penali *a tenur* tal-**artikolu 836(8)**, ma jirrizulta minn imkien fit-talba rikorrenti taht liema sub-inciz tal-imsemmi artikolu tali talba qieghda issir. Bir-rispett kollu, il-kazijiet li tahthom jista’ jintalab l-ghoti ta’ penali

taht l-imsemmi **artikolu 836(8)** huma ben diversi u ma jistax jitqies li t-talba wahda qed issir taht dawk is-sub-incizi kollha jekk mhux qed jigi hekk specifikat iswed fuq abjad.

Illi *di pju'*, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma talba ghal hlas ta' penali maghmula taht **l-artikolu 836 (8)** dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza **"SN Properties Limited vs George Camilleri"** (Prim' Awla (RCP) 6 ta' Gunju 2000) sostniet li *"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa ntiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza kostanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"*.

Illi apparti hekk, bir-rispett kollu dawn il-proceduri ma humiex intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru biss sabiex jigi stabbiliti jekk jesistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provedimenti tal-**artikolu 836 tal-Kapitolu 12**, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto jew sabiex jinghataw provvedimenti ohra skont l-istess artikolu.

F'dan ir-rigward, jigi sottomess:

**Penali bbazat fuq l-artikolu 836(8)(a)**

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma l-ghoti ta' penali ai termini tal-**artikolu 836(8)(a),** l-azzjoni fil-mertu giet debitament pprezentata fil-forum appozitu fl-Italja, u dan skont ma jirrizulta mill-annessa kopja tal-att promotur tal-proceduri pprezentati fil-qrati l-Italja li qed tigi mmarkata bhala Dok. "C", liema kawza tirrifletti fil-mertu taghha l-kawzali indikat fil- Mandat ta' Arrest ta' Ingenji ta' l-Ajru Kawtelatorju (Dok. "A"), u liema kawza giet ipprezentata dan entro t-terminu previst fl-**artikolu 843 tal-Kap 12.**

Illi ghalhekk, f'kaz li t-talba ghall-ghoti ta' penali hija bbazata tal-**artikolu 836(8)(a),** ghar-ragunijiet fuq moghtija din ghandha tigi michuda.

**Penali bbazat fuq l-artikolu 836(8)(b)**

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ghoti ta' penali *ai termini* tal-**artikolu 836(8)(b),** kif inghad kien ir-rikorrent nomine stess li pprezenta kontro mandat relattiv ghall-

Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru Kawtelatorju fuq imsemmi u dan kien fuq il-precitat formula appozita.

L-**artikolu 836(8)(b)** jipprovdi testwalment:

(*b*) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

Illi ghalhekk, biex japplikaw id-disposti tal-**artikolu 836(8)(b)** jrid jkun hemm talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju u appuntu f'dawk l-atti l-attur ghandu jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed.

Illi ghalhekk, la ma saret f'dawn l-atti u multo magis la gja inharreg il-kontro-mandat opportun relattiv ghall-Mandat ta' Arrest in kwistjoni (Dok. "B") ma hemm xejn li s-socjeta' esponenti tista' tkun mitluba sabiex tiggustifika.

Illi ghalhekk, f'kaz li t-talba ghall-ghoti ta' penali hija bbazata tal-**artikolu 836(8)(b),** ghar-ragunijiet fuq moghtija din ghandha tigi michuda.

**Penali bbazat fuq l-artikolu 836(8)(c)**

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma l-ghoti ta' penali ai termini tal-**artikolu 836(8)(c),** li s-socjeta' rikorrenti qatt ma gabet xi prova li kienety ben nota li kienet kapaci li thallas dak minnha dovut.

Jinghad minghajr tlaqliq illi s-socjeta' debitrici Wind Jet S.p.A. kienet qed tinsab f'ghada finanzjaraja kritika hafna. Dan jirrizulta anke mir-rikors tas-socjeta rikorrenti li sahhansittra sostniet li ma kienu qed jsiru l-hlasijiet dovuti lilha ghall-liri tal-ajruplan *de quo*.

Illi s-socjeta' rikorrenti ma hijiex maghrufa li kellha assi (hlief l-ajruplan *de quo*) li setghu jkunu sufficjenti biex jizguraw il-hlas tal-kreditu tas-socjeta' esponenti.

Illi di pju wara li s-socjeta' rikorrenti saret taf bil-proceduri gudizzjarji fl-Italja ghall-arrest tal-ajruplan in kwistjoni l-ewwel haga li ghamlet kienet li rat kif ghamlet biex tassigura li l-ajruplan in kwistjoni tahrab hesrem mill-Italja (kif del-resto ghamlu diversi socjetajiet ohra li kienu l-propjetarji ta' ajruplani ohrajn gestiti mid-ditta Wind Jet S.p.A.).

Illi dan x-xenarju ma jpingi l-ebda pittura sabieha dwar capacita' tas-socjetajiet debituri indikati fil-Mandat ta' Arrest precitat li jhallsu dak li hu minnhom dovut, liema xenarju qatt ma gie kontradett mis-socjeta' rikorrenti.

Illi ghalhekk, f'kaz li t-talba ghall-ghoti ta' penali hija bbazata tal-**artikolu 836(8)(c),** ghar-ragunijiet fuq moghtija din ghandha tigi michuda.

**Penali bbazat fuq l-artikolu 836(8)(d)**

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ghoti ta' penali *ai termini* tal-*artikolu 836(8)(d)* jinghad li l-azzjoni dwar il-mertu citat fil-Mandat ta' Arrest giet debitament pprezentata fil-forum appozitu fl-Italja, u dan skont ma jirrizulta mill-annessa kopja tal-att promotur tal-proceduri pprezentati fil-qrati l-Italja li qed tigi mmarkata bhala Dok. "C".

Illi hekk kif jirrizulta din il-kawza tirrifletti fil-mertu taghha l-kawzali indikat fil-Mandat ta' Arrest (Dok. "A"), u di pju, din il-kawza giet ipprezentata dan entro t-terminu previst fl-**artikolu 843 tal-Kap 12**.

Illi hekk kif jirrizulta, l-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru Kawtelatorju in kwistjoni sar sabiex jikkawtela kreditu sostanzjali dovuta lis-socjeta rikorrenti in konessjoni ma *landing fees* u spejjez ohra ghall-uzu ta` l-ajruport gewwa Catania gestit mis-socjeta esponenti *oltre* l-imghax sad-data tal-pagament effettiv, liema sorte, fil-waqt tal-prezentata tal-mandat odjern u anke fil-waqt ta' l-ewwel talba gudizzjarja gewwa l-Italja kien ghadu qed jigi kkalkolat u ghalhekk hemm gie indikat valur approssimattiv, u dana skont kif hu spjegat ahjar fl-anness affidavit mmarkat bhala Dok. "D".

Illi hekk kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-att promotur tal-proceduri pprezentati fil-qrati l-Italja (Dok. "C") dan il-kreditu jikkonsisti f'sorte ta' miljun tliet mija u hamest elef sitt mija u tnejn u erbghin euro u sebgha u hamsin cent

(€1,305,642.57) u imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) sal-hlas effettiv.

Illi fil-fehma tas-socjeta’ esponenti l-punto di partenza biex wiehed jara jekk it-talba ghal-hrug tal-Mandat ta’ Arrest precitat saritx b’malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja ta’ bilfors ghandu jkun l-**artikolu 829 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** li huwa artikolu ta’ applikazzjoni generali li jittratta dwar id-dritt li wiehed iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu bil-mezz ta’ atti kawtelatorji, li jinqara hekk:

“Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, ***tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha*** bil-mezz ta' wiehed jew, izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kundizzjonijiet li jrid *dan il-Kodici, jigu* ***mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilita' taghha.”***

Illi ghalhekk minn esami ta' dana l-artikolu generali jemergu zewg osservazzjonijiet saljenti u cioe' (i) illi jehtieg illi jkun hemm jedd, u (ii) illi l-atti kawtelatorji li jistghu jigu mahruga u esegwiti in kawtela ta' tali jedd jigu hekk mahruga u esegwiti taht ir-responsabilita' tal-persuna li tkun talbet il-hrug taghhom.

Illi ma hemmx dubju li dak dovut bhala sorte jikkwalifika bhala "jedd" ghall-finijiet tal-fuq citat **artikolu 829**. Ghal kull buon fini pero’ qed jigi anness *compact disk* li fih il-volumi kolha ta’ fatturi dovuti mill-intimati indikati fil-Mandat ta’ Arrest fuq citat u li ghadhom pendent, liema compact disk qed jigi mmarkat bhala Dok. “E”, u liema compact disk gie pprezentat minflokk kopji tal-istess fatturi minhabba l-kwanitajiet shah tal-istess.

Illi ghalkemm il-fatturi huma indirizzati lis-socjeta’ Wind Jet S.p.A., *a tenur* tal-**artiklu 6 tal-ligi Taljan 324/1976** (vide Dok. “F”) sid l-ajruplan (f’dan il-kaz is-socjeta’ rikorrenti) hija responsabbli solidalment mal-operatur ta’ ajruplan ghad-drittijiet ghall-uzu tal-ajruport miftuh ghal traffiku civili tal-ajru;

Illi bir-rispett kollu dawn il-proceduri ma humiex intizi biex iservu ta’ revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jesistux l-estremi li trid il-ligi, skont ilprovedimenti tal-**artikolu 836 tal-Kapitolu 12**, sabiex il-mandat jigi revokat *in parte* jew *in toto* jew sabiex jinghataw provvedimenti ohra skont l-istess artikolu.

Minghajr tlaqliq l-esponent jsostni li l-estremi kollha li tezigi l-ligi jezistu, u dan kif jidher bl-aktar mod ampju mill-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru innifsu (Dok. "F").

Illi l-apprezzament tal-**artikolu 829 tal-Kap 12** ghandu jkun segwit b'apprezzament tal-**artikolu 865(e) tal-Kap. 12**, li testwalment jipprovdi:

"Il-mandat ta' arrest jista' jintalab quddiem, u jingħata' minn, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jitqiegħed fiż-żgur kreditu jew pretensjoni oħra ta'mhux anqas minn sebat elef euro u fejn inġenji tal-ajru li jkun qiegħed jiġi użat għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri jew merkanzija bl-ajru, ta' mhux anqas minn miljun ewro, iżda dawn il-limiti fuq l-ammont tal-pretensjoni ma għandhomx ikunu japplikaw għal pussessuri ta' *mortgage* jew garanzija internazzjonali meta dik il-*mortgage* jew garanzija tkun ġiet reġistrata jew hi reġistrata taħt it-Taqsima IV jew skont it-Taqsima VI tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru.

Ghalhekk, apparti milli ghandu l-ewwel u qabel kollox josseva li mkien ma ngabet prova (jigi imfakkar li lanqas r-rikors promotur tas-socjeta' rikorrenti ma giet konfermata bil-gurament) li l-ajruplan *de quo* kien qieghed jigi uzat għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri jew merkanzija bl-ajru wiehed irid issa jikkunsidra jekk l-imaghxijiet futuri jikkostitwux "jedd" ghall-finijiet tal-fuq citat **artikolu 829**, liema jedd allura jkun jista' jigi mqieghed fiz-zgur permezz tal-hrug ta' wiehed jew aktar mill-atti kawtelatorji kif kontemplati mill-ligi *fi-a*rtikolu tal-ligi sussegwenti, cioe' l-**artikolu 830(1)**, fosthom il- Mandat ta' Arrest ta' Ingenji ta' l-Ajru Kawtelatorju.

Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju ta' xejn dwar il-legitimita' tal-klassifika ta' "imghaxijiet futuri" bhala "jeddijiet" *ai termini* tal-**artikolu 829**, u li allura jikkwalifikaw ghall-kawtela kif kontemplata fl-istess Artikolu tal-ligi. Dan jinghad billi, skont l-**artikolu 984(fl tal-Kodici Civili** "il-hwejjeg futuri jistghu jkunu oggett ta' kuntratt". Mela l-hwejjeg futuri jistghu specifikament ikunu oggett ta' kuntratt u huma biss il-hwejjeg impossibbli, jew ipprojbiti mil-ligi, jew kuntrarju ghal ghemil xieraq, jew ghall-ordni pubbliku, li skont id-dispost <u>tal-**artikolu 985 tal-Kodici Civili**</u> illi ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt.

Illi di pju' skont l-**artikolu 982(2) tal-Kodici Civili**, il-hwejjeg biss li ma humiex *extra commercium* illi jistghu jkunu oggett ta' ftehim.
Illi tant huma parti mil-ligi Europea l-imghaxijiet kummercjali li effettivament d-Direttiva numru 2000/35 CE stess tipprovdi li l-imghaxijiet jiddekorru *ex lege* fuq dak dovut u li ma jkunx thallasihom. Din il-ligi ddahhlet fil-korp tal-ligijiet nostrali permezz tad-disposti tal-**artikolu 26A et seq tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta** u fil-korp tal-ligijiet tal-Italja permezz ta' ligi Taljana numru 231/2002.
Illi b'zieda ma dan, *ai termini* tal-**artikolu 494 tal-Kodici ta' Procedura Civili Italjan**, debitur jista', biex jevita l-qbid kawtelatorju ta' proprejeta' tieghu, jiddepozita fil-qorti somma ekwivalenti ghas-sorte mizjud b'ghoxrin fil-mija (20%), liema 20% hija intensjonata biex taghmel tajjeb ghall-imghaxijiet u ghall-ispejjez.

Illi minn dana kollu jitnissel illi l-imghaxijiet futuri, bhala hwejjeg illi ma humiex *extra commercium,* huma indubbjament minn natura taghhom stess, "hwejjeg futuri"; kif ukoll illi l-imghaxijiet futuri la jikkostitwixxu hwejjeg impossibbli, la huma ipprojbiti mill-ligi (hlief kaz ta' uzura-li zgur ma huwiex il-kaz odjern), la huma kuntrarji ghall-eghmil xieraq, kif lanqas ma huma kuntrarji ghall-ordni pubbliku (hlief f kaz ta' uzura).
Illi di piu' huwa utili illi jigi osservat illi skont id-dispost tal-**artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili** jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu *ipso iure*, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.
Illi ghalhekk gialadarba illi l-imghaxijiet futuri jinkwadraw ruhhom fit-terminu legali ta' "hwejjeg futuri" u *ergo* jikkwalifikaw fihom infushom u *ex legis* bhala oggett legittimu ta' kuntratt, allura logikament isegwi illi l-imghaxijiet futuri bhal kwalsiasi hwejjeg futuri ohra jikkostitwixxu wkoll "jeddijiet" kif kontemplati fl-**artikolu 829 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** precitat u ghaldaqstant il-persuna illi a favur taghha jispettaw tali imghaxijiet futuri ghandha kull dritt, dejjem fuq ir-responsabilita' taghha, illi tqieghdhom fiz-zgur billi titlob il-hrug tal-atti kawtelatorji opportuni.

Illi ghal kull buon fini, u sabiex jigi illustrat ahjar l-esistenza tal-jeddijiet vari u xejn fittizji tas-socjeta' esponenti, kif intqal qed jigi anness *compact disk* li fih il-volumi kolha ta' fatturi dovuti mill-intimati indikati fil-Mandat ta' Arrest fuq citat u li ghadhom pendenti (Dok. "E").
Illi dan inghad, is-socjeta' esponenti ma ghandha l-ebda dubju illi dina l-Onorabbli Qorti malajr tapprezza d-dannu konsiderevoli illi l-istess socjeta' esponenti kienet issofri f'kaz illi dan l-ammont sostanzjali ma kienx adegwatament kopert b'xi att kawtelatorju bhala ma fil-fatt hu l-Mandat ta' Arrest precitat.
Illi ukoll fir-rikors tieghu, l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon *nomine* jallega illi bil-hrug tal-Mandat ta' Arrest *de quo*, is-socjeta` esponenti kisret allegati drittijiet tas-socjeta` rikorrenti naxxenti mill-**Kapitolu 503 tal-Ligijiet ta` Malta** (l-att li bih ddahhal l-Cape Town Convention fil-korp legislattiv nostrali) peress li skont hu s-socjeta` rikorrenti in kwantu sid u lessor tal-ingenju tal-ajru mertu tal-mandat ta' arrest de quo hija dentrici ta` garanzija reali li jikkostitwixxi international interest registrat fir-Registru Internazzjonali.

Illi meta wiehed jaghsar dak li qieghed jissottometti l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon *nomine* fir-rikors tieghu, jidher illi s-socjeta` rikorrenti qieghed tissugerixxi illi meta sid ta` ingenju ta` ajru jipposjedi xi international interest registrat fuq l-imsemmi ingenju, l-istess ingenju huwa immun milli jkun soggett ghall-mandat ta` arrest meta l-kreditur li qed jitlob il-hrug tal-imsemmi mandat m'ghandux xi garanzija reali fuq l-istess ingenju. Illi b'kull rispett din it-teorija hija ghal kollox infondata u ma ssib l-ebda bazi legali sabiex jiggustifika l-istess. Fil-fatt kieku din it-teorija kienet fondata allura s-socjeta' esponenti zgur kienet iggib xi prova ta' in sostenn taghha. Din qatt m'ghamlitha!

Illi fil-fatt id-disposizzjonijiet nostrali dwar l-arrest ta` ingenji tal-ajru jaghmlu distinzjoni cara dwar jekk kreditur ghandux international registered interest o meno ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-*threshold* tal-kreditu rikjest biex jigi pprezentat tali mandat (vide **artikolu 865E**) u imkien fl-istess dispozizzjonijiet ma hemm divjett ghal prezentata

ta’ mandat ta’ arrest fuq ingenju ta’ l-ajru impost fuq kreditur fil-kaz li tkun tezisti terza persuna li tgawdi minn international registered interest tfisser li, tenut kont anke l-principju bazilari nostrali ta’ *ubi lex voluit dixit*, *ubi noluit tacuit* il-fatt illi skont is-socjeta rikorrenti l-esponenti m’ghandhiex international registered interest fuq l-ajrulplan de quo ma jipprekludix kreditu milli jitlob ghal u tottjeni il-hrug tal-mandat ta’ arrest *de quo* u b’hekk m’huwiex wiehed illegali kif allegat mis-socjeta rikorrenti.

Illi ghahekk jirrizulta lampanti l-imsemmi international registered interest jista’ biss jaghti dritt ta` priorita` f’kaz ta` konkorrenza ta` krediti varji li jistghu jolqtu l-ingenju tal-ajru u jaghti immunita` fuq l-istess ingenju ta’ l-ajru ghas-skapitu ta` kredituri ohra.

Illi l-mandat ta’ arrest ta’ ingenji ta’ l-ajru mill-banda l-orha huwa l-mezz procedurali li l-legislatur nostrali pprovda li bih kreditur jista’ jwaqqaf ajruplan milli jitlaq hesrem mill-gurisdizzjoni bil-ghan li dak l-istess kreditur jkun jista’ jqieghed fis-sod u jikkawtela l-pretensjoni tieghu b’tali mod li l-ingenju tal-arju jkun jista’ eventwalment, wara li jigu sodisfatti r-rikjesti procedurali kollha, jinbiegh u l-kredituri jikkonkorru ghar-rikavat. Tant hu hekk li anke persuna li tgawdi minn international registered interest tista’ tuzufruixxi minn dan ir-rimedju.

Illi kuntrarjament ghal dak indikat mis-socjeta’ rikorrenti, is-socjeta` esponenti ghandha wkoll privilegg specjali fuq l-ingenju tal-ajru mertu ta` dan il-mandat liema privilegg jemani mill-**artikolu 1023 tal-Codice della Navigazione tal-ligijiet tal-Italja**. Illi fil-fatt *ai termini* tal-**artikolu 1022 tal-istess Codice della Navigazione tal-ligijiet tal-Italja**, tali privileggi *“sono preferiti ad ogni altro privilegio generale o speciale”* u dan jfisser illi l-kreditu tas-socjeta’ esponenti ukoll tippregradwu dik tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi hija n-natura tal-kreditu stess, illi jiggustifika tali privillegg u dan peress illi huwa fl-interess pubbliku illi tali kreditu jithallas. Dan l-interess gie rikonoxxut f’diversi sentenzi barranin.

Illi l-Qorti Suprema Kandiza fil-kawza maghrufa bhala Canada 3000 Inc [2006] 1 SCR 865, qalet illi:

*"Airport costs are largely recovered through landing fees. If these and other fees go unpaid, the airport is out of pocket for the cost of the services it was obliged by law to provide."*

Illi sidien u/jew lessors (bhal ma hi s-socjeta' rikorrenti) ta` ingenji ta` l-ajru huma f'posizzjoni ferm ahjar (minn kull ajruport) illi jikkawtelaw id-drittijiet taghhom u jipprotegu lilhom infushom minn xi telf rizultanti minn negozju ma operaturi tal-linji ta` l-ajru, u dan billi ghandhom ghazla jekk jidhlux f'negozju ma` l-istess operaturi. Tali sidien u/jew lessors jistghu jghamlu l-accertamenti necessarji kif ukoll jistghu jipprovdu ghal sigurta u garanziji varji waqt in-negozzjar ta` l-arrangamenti kummercjali li joholqu mal-operaturi. Mill-banda l-ohra ajruport m'ghandux dan il-lussu stante illi huwa obbligat bil-ligi illi jipprovdi s-servizzi tieghu lill-operaturi tal-ajru.

Fil-kawza **Global Knafaim Leasing Ltd et vs Civil Aviation Authority et** deciza mill-High Court gewwa r-Renju Unit nhar il-11 ta` Gunju 2010 ([2010] EWHC 1348 (Admin)), il-Qorti qalet

*"The defendants rely on the importance in the public interest of ensuring to the greatest possible extent that the charges are paid. Airports have an obligation to permit any airline to use its facilities which are provided in the interests of the travelling public and are also conducive to ensuring safety, on equal terms and conditions. The route charges go to maintain the very expensive system in place to ensure safety in the European sky. If charges are not paid, ultimately the travelling public will suffer through the need to pass on the amounts unpaid."*

Illi fil-kawza Canada 3000 fuq imsemmija, il-Qorti Suprema Kandiza qalet illi:

*"It is difficult to endorse the indignation of the legal titleholders with respect to detention of their aircraft until*

*payment is made for debts due to the service providers. They are sophisticated corporate players well versed in the industry in which they have chosen to invest. The detention remedies do not affect their ultimate title. Investors who have done their due diligence will recognise that detention remedies have deep roots in the transport business."*

Illi ghalhekk, tenut kont ic-cikostanzi kollha tal-kaz odjern illi ghalhekk, f'kaz li t-talba ghall-ghoti ta' penali hija bbazata tal-**artikolu 836(8)(d),** ghar-ragunijiet fuq moghtija din *ghandha tigi michuda.*

***Penali* bbazat fuq l-artikolu 865(G)**

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma l-ghoti ta' penali bbazat fuq l-**artikolu 865(G) tal-Kap 12**, dan l-artikolu jipprovdi testwalment:
"Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmulha b'qerq, il-penali skont l-**artikolu 836(8)** ma għandhiex tkun inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt ewro."
Illi ghalhekk, sabiex jirnexxi fit-talba taghha ghal ghoti ta' penali taht l-**artikolu 836(8)** r-rikorrent ghandu l-ewwel u qabel kollox jirnexxi fit-talba tieghu biex tigi inflitta penali ai termini tal-**artikolu 836(8).** Fin-nuqqas li tirnexxi fit-talba ghal ghoti ta' penali taht l-artikolu 836(8) allura dina l-Onorabbli Qorti ghandha minnufih u minghajr ma tidhol aktar fit-talba ghal ghoti ta' penali taht l-**artikolu 865(G) tal-Kap 12** tichad l-istess.
Illi jekk mill-banda l-ohra dina l-Onorabbli Qorti kellha ssib li t-talba ghal ghoti ta' penali taht xi wiehed tas-subincizi tal-**artikolu 836(8)** hija gustifikata allura hemm biss tista' dina l-Onorabbli Qorti tistharreg u tara jekk is-socjeta' rikorrenti rnexxiela tipprova li l-mandat inharreg minhabba qerq da parti tas-socjeta' esponenti.
Illi dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza **"Carmelo Parnis vs Paul Zammit noe"** (Qorti ta' l-Appell (JRM) 29 ta' Lulju 2005) sostniet "Illi ma tistax tikkundanna ghad-danni u interessi lil min ottiena l-hrug tal-mandat ammenokke ma jigix stabbilit li agixxa b'qerq jew almenu kolpa u inkwantu ghall-penali, li tista' tigi inflitta indipendentement mid-danni, irid kif tesigi espressament l-istess ligi, jirrizulta l-

qerq u (ii) li l-ezistenza ta' qerq jew kolpa hi materja ta' apprezzament ta' stat ta' kuxjenza kif estterjorment manifest, u in konformita' mal-principji generali, trid tigi ppruvata mill-attur."

Illi bir-rispett kollu s-socjeta' rikorrenti ma gabet l-ebda prova dwar qerq (lanqas r-rikors promotur tagha ma gie kkonfermat bil-gurament), u bir-rispett kollu anke jekk tingieb xi forma ta' prova aktar 'il quddiem, prova ta' allegat qerq (cioe' ta' dolo u l-elementi kollha tal-istess att) dejjem trid tkun l-ahjar prova (hekk kif dejjem jippresumi l-ligi nostrali) u tali prova trid tkun soda, konvincenti u impellenti.

Illi ghalhekk, tenut kont ic-cikostanzi kollha tal-kaz odjern illi ghalhekk, f'kaz li t-talba ghall-ghoti ta' penali hija bbazata tal-**artikolu 865(G) tal-Kap 12**, filwaqt ghar-ragunijiet fuq moghtija din ghandha tigi michuda.

***Talba Garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap 12***

Finalment, fir-rigward tar-raba' talba da parti tas-socjeta` rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjeta` esponenti taghti garanzija xierqa ghall-hlas ta` penali li tista` tigi mposta u ta` danni u imghax, qabel xejn jigi rilevat illi *ai termini* tal-**artikolu 838A**, il-ligi tippresupponi illi din it-talba tista` ssir biss meta mandat kawtelatorju jkun ghadu vigenti tant illi *ai termini* tal-imsemmi artikolu, f'kaz illi l-kreditur jonqos milli jaghti l-garanzija stabbilita mill-qorti kompetenti, il-Qorti tordna t-tnehhija tal-att kawtelatorju.

Illi hawnhekk irid jinghad li s-socjeta' esponenti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-ligi bhala wiehed alternattiv ghat-talba ghat-thassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu tal-ligi dwar l-ghoti ta' garanzija min-naha tal-ezekutant huma mqeghda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-thassir tal-Mandat.

Illi dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza **"Stewart Desmond Stanley Vs Mangion Galea Therese"** (Prim' Awla (JRM) 29 ta' Lulju 2005) sostniet li "r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba tat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis-

sehh. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba’ kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahhlu fil-ligi ghalxejn”

Illi dan ifisser illi dan l-**artikolu 838A** jista` jigi applikat biss sakemm il-mandat ikun b’xi mod ghadu fis-sehh.

Fil-kaz odjern is-socjeta` rikorrenti diga otteniet, fuq talba taghha stess, il-hrug ta` kontro-mandat u b’hekk l-effetti tal-istess mandat gja gew imwaqqfa b’rizultat ta` l-istess. Illi ghalhekk din it-talba hija proceduralment insostenibbli.

Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex is-socjeta rikorrenti tista` b’success titlob il-hrug ta` l-imsemmija garanzija, jehtieg illi l-istess socjeta` rikorrenti tipprova kawza gusta ghal dan. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-mandat ma jitqiesx bhala kawza gusta ghall-finijiet ta` dal-a**rtikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta**. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn izjed serji u impellenti li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni.

Illi barra minhekk kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **Francis u Rita konjugi Spiteri vs Charles u Maria Dolores konjugi Darmanin u Andy u Mary konjugi Cole** (Rik Nru 571/2010) deciza nhar il-25 ta` Awwissu 2010, “id-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju (enfazi mizjuda mill-esponent), u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni.”

Illi b’kull rispett, is-socjeta` rikorrenti, ma mwriet li hemm l-ebda raguni gusta li ghandha twassal lil din l-Onorabbli Qorti torbot lis-socjeta` esponenti biex iressqu l-garanzija mitluba. Barra minhekk ma ngabet l-ebda prova tad-danni allegatament sofferti b’rizultat dirett ta` l-arrest. Jigi imfakkar li ghalkemm sar suggeriment ta’ jkemm ghandha tkun il-garanzija din l-anqas ma giet sostnuta bi prova tal-istess. Jigi imfakkar ukoll li la r-rikors promotur tas-socjeta’ rikorrenti ma giet kkonfermata bil-gurament u lanqas ma giet imressqa xi prova xot’ ohra dwar l-istess.

Finalment irid jinghad illi s-socjeta` esponenti hija socjeta` illi ghandha reputazzjoni tajba fl-industrija u li hija finanzjarjament soda u stabbli. Illi kif jirrizulta mic-certikat hawn anness u mmarkat bhala Dok "G", is-socjeta` esponenti ghandha *paid up capital* ta` 'l fuq minn tlettin miljun ewro, fil-waqt li l-assi komplessivi tal-istess socjeta esponenti jecedu din is-somma. Il-moviment ta` passigieri fl-ajruport gestita mis-socjeta esponenti jeccedi sitt miljun u seba` mitt passigier, filwaqt illi l-istess socjeta' esponenti ghandha koncessjoni ghall-gestjoni tal-imsemmi ajruport sas-sena 2047. Illi ghalhekk tenut kont l-istabilita finanzjarja u l-istatura tal-operazzjoni gestita mis-socjeta esponenti ma hemm l-ebda pregidizzju li jista` jsoffri s-socjeta` rikorrenti li tista` tiggustifika il-hrug tal-garanzija mitluba.

Illi ghalhekk din it-talba ghal garanzija taht l-**artikolu 838A** m'ghandhiex tintlaqa lanqas.

Ghaldaqstant *in vista* ta` dak kollu hawn fuq premess is-socjeta` esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u dan bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Rat ir-replika tal-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon (ID114474M) bħala mandatarju speċjali tal-kumpanija estera ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limiteddatata 12 ta' Settembru 2012 a fol 89 tal-process fejn espona: -

Illi l-kumpanija esponenti għandha interess tressaq diversi sottomissjonijiet dwar ir-risposta tal-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. datata 10 ta' Settembru, 2012 u għalhekk permezz ta' din ir-replika u soġġett illi dina l-Onorabbli Qorti taċċetta li din ir-replika tidħol fl-atti tar-rikors odjern, qed tressaq l-osservazzjonijiet ulterjuri tagħha fl-istess ordni u bl-istess numru ta' taqsimiet tas-sottomissjonijiet magħmula minn Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. fir-risposta tagħha;

**Talba skont l-Artikolu 836(7)**

Illi dwar l-eċċezzjoni preliminari magħmula mill-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. fis-sens illi dina l-Onorabbli Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni sabiex tindaga u tiddeċiedi jekk il-mandat ta' arrest kawtelatorju numru 1223/2012 sarx skont il-liġi jew le għaliex il-kumpanija esponenti ma segwietx il-proċedura ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 hija kompletament infondata għal diversi raġunijiet;

Illi fl-ewwel lok, dwar il-ġurisdizzjoni ma hemm ebda dubbju illi diment illi kienet dina l-Onorabbli Qorti illi akkordat u ħarġet il-kontromandat in kwistjoni (numru 1265/2012) hija dina l-Onorabbli Qorti stess u hi biss illi għandha ġurisdizjoni tisma u tiddeċiedi r-rikors intavolat mill-kumpanija esponenti a tenur tal-**artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12** għaliex dan l-artikolu jiddisponi illi r-rikors għandu jsir quddiem "il-Qorti li tkun ħarġet il-kontromandat";

Illi għalhekk ir-rikors odjern ma seta' jsir quddiem ebda Qorti oħra u hija dina l-Onorabbli Qorti biss li għandha ġurisdizzjoni dwar talba *a tenur* tal-**artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12**;

Illi dwar l-allegazzjoni illi l-kumpanija esponenti ma segwietx il-proċedura tal-**artikolu 836** meta kisbet il-ħruġ tal-kontromandat odjern, din ukoll hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u fil-fatt; tant huwa hekk illi dina l-Onorabbli Qorti stess kienet sodisfatta li l-proċedura appożita kienet qed tiġi segwita għaliex li kieku ma kienx hekk ma kenitx takkorda l-kontromandat;

Illi l-fatt illi l-kumpanija esponenti użat il-formola numru 28 għall-ħruġ tal-kontromandat numru 1265/2012 ma jfissirx illi ma ġietx segwita l-proċedura tar-rikors għaliex dik il-formola fiha nnifisha hija rikors u ċioe' talba lill-Qorti sabiex takkorda l-ħruġ ta' kontromandat f'kaz meta tkun ġiet depożitata somma ekwivalenti għat-talba tal-kumpanija li tkun ħarġet il-mandat kawtelatorju;

Illi il-proċedura addottata mill-kumpanija esponenti hija l-istess proċedura adottata fil-każijiet kollha meta ssir

ċedola ta’ depożitu wara li jkun sar mandat kawtelatorju u ċioe’ li d-debitur iħejji rikors (fuq il-formola tal-kontromandat) fejn jitlob illi l-mandat kawtelatorju jiġi revokat minnufiħ *stante* illi ġiet iddepożitata garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni dedotta fil-mandat kawtelatorju;

Illi s-sottomissjonijiet u dokumenti rikjesti mill-**artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12** meta jsir rikors għal kontromandat huma f’dan il-kaz ir-riferenza għaċ-ċedola ta’ depożitu u kopja tal-atti kontestwali taċ-ċedola ta’ depożitu li jservu bħala prova inkonfondibbli illi ġiet depożitata garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-kreditur u illi għalhekk hemm ir-rekwiżiti kollha għall-ħruġ tal-kontromandat;

Illi fil-fatt, kif dejjem isir f’dawn il-każijiet, il-Qorti, wara li tkun sodisfatta illi ċ-ċedola ta’ depożitu tikkomprendi depożitu ta’ flus bizzejjed jew ta’ garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-kreditur takkorda l-ħruġ tal-kontromandat fuq ir-rikors li jkun sarilha mid-debitur (permezz tal-formola adegwata);

Illi qorti għandha l-fakolta’ (kif dejjem tagħmel f’dawn il-każijiet u kif fil-fatt ġara fil-kaz odjern) li tiddeċiedi dwar ir-rikors bl-urġenza u ma għandha ebda obbligu li ssejjaħ udjenza jew tiffissa seduta qabel ma tiddekreta dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-kontromandat u hekk fil-fatt għamlet dina l-Onorabbli Qorti fil-kaz odjern u dan ukoll b’apprezzament ta’ l-urġenza tal-kaz *stante* illi dan il-kaz jittratta dwar iż-żamma ta’ ajruplan u ċioe’ oġġett li jiswa miljuni ta’ ewro;

Illi għalhekk hija insostenibbli t-teżi tal-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. illi dina l-Onorabbli Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni tissindika r-rikors tal-kumpanija esponenti a tenur tal-**artikolu 836(7);**

Illi in konklużjoni wieħed ma jistax ma josservax kif il-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. fir-risposta tagħha ma tindirizzax is-sottomissjonijiet magħmula mill-kumpanija esponenti fir-rikors tagħha dwar

kif il-mandat ta' arrest ġie maħruġ bi ksur tal-**artikoli 836(1)(f), (d) u (b)** u ħlief għall-eċċezzjoni preliminari ta' ġurisdizzjoni hawn fuq imsemmija bl-ebda mod ma titratta l-aggravji prinċipali tal-kumpanija esponenti dwar il-mod kif inħareġ il-mandat ta' arrest ta' l-inġenji ta' l-ajru in kwistjoni;

**Talba għall-Ħlas ta' Penali *a tenur* tal-artikolu 836(8) u / jew 865G tal-Kapitolu 12**

Illi fir-risposta tagħha l-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. tittratta dwar is-subinċiżi kollha tal-**artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12**, disposizzjonijiet li huma irrilevanti għat-talba prinċipali tal-kumpanija esponenti u ċioe' għat-talba lill-dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara illi l-mandat ta' arrest in kwistjoni inħareġ b'mod irregolari u li għalhekk il-flus depożitati fl-atti tal-istess jiġu ritornati lill-kumpanija esponenti;

Illi dwar it-talba tal-kumpanija esponenti għall-ħlas ta' penali, fl-ewwel lok, dik il-parti tat-talba li saret a tenur tal-**artikolu 865(G) tal-Kapitolu 12** hija ċara fis-sens illi din għandha tapplika f'kaz illi jirriżulta illi t-talba tal-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. kontra l-kumpanija esponenti ma teċċedix il-miljun ewro;

Illi dwar it-talba għall-ħlas ta' penali taħt l-**artikolu 836(8)** ma hemm ebda obbligu espress fil-liġi li l-persuna li jagħħmel talba taħt dan l-artikolu jistipola liema subinċiż qed jinvoka u għalhekk it-talba tal-kumpanija esponenti ma hijiex insostenibbli f'dan is-sens;

Illi pero' kif jirriżulta ċar mir-rikors tal-kumpanija esponenti t-talba għall-ħlas tal-penali saret primarjament abbażi tal-**artikolu 836(8)(a)** u s-sottomissjonijiet tal-kumpanija esponenti f'dan ir-rigward huma ċari u espressi a fol. 3 u 4 tar-rikors tagħha fejn hija imsemmija wkoll din id-disposizzjoni tal-liġi u għalhekk ma hemmx lok għal ripetizzjoni f'din ir-replika;

Illi fi kwalunkwe kaz, kif intqal hawn fuq, it-talba tal-kumpanija esponenti għall-ħlas ta' penali *a tenur* tal-

**artikolu 836(8)** hija talba sussidjarja u ta’ importanza minima fil-kuntest tat-talbiet l-oħra tagħha speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-penali massimi taħt din id-disposizzjoni tal-liġi huma ta’ €6,988.12;

Illi fil-fatt huwa sorprendenti ferm il-fatt li l-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. ttrattat tmenin fil-mija (80%) tar-risposta tagħha biex tikkontesta t-talba għall-ħlas ta’ penali ta’ inqas minn sebat elef ewro (€7,000) meta l-konsiderazzjonijiet aħħarija huma tant importanti u serji għaliex jittrattaw l-arrest ta’ ajruplan kummerċjali li jiswa l-miljuni ta’ ewro u dwar id-depożitu konsegwenzjali ta’ €1,342,203.67;

**L-Allegazzjoni tal-Kumpanija Esponenti li l-Mandat ta’ Arrest kien Eċċessiv hija Ammessa**

Illi qed jirriżulta mir-risposta ta’ Socjeta’ Aeroporto di Catania S.p.A. illi l-ammont mitlub minnha fil-mandat ta’ arrest maħruġ minnha fil-21 ta’ Awwissu, 2012 kien fil-fatt eċċessiv kif qed tallega l-kumpanija esponenti;

Illi fl-ewwel paragrafu a fol. 5 tar-risposta tagħha, Socjeta’ Aeroporto di Catania S.p.A. tgħid illi meta talbet il-ħruġ tal-mandat ta’ arrest in kwistjoni hija mxiet fuq “valur approssimattiv” u dan minkejja illi dak il-mandat ta’ arrest jinħareġ fuq konferma bil-ġurament dwar il-kontenut tiegħu;

Illi fil-waqt illi fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta’ arrest in kwistjoni (numru 1223/2012) ġie konfermat bil-ġurament li l-kumpanija esponenti kellha tagħti s-somma ta’ **€1,305,642.57**, issa qed jirriżulta (skont id-dokumenti annessa mar-risposta ta’ Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. stess) illi fil-fatt l-pretensjoni tagħha kontra l-kumpanija esponenti hija fil-fatt għal somma inferjuri ta’ **€1,088,035.47**;

Illi għalhekk qed jiġi ammess mill-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. stess illi l-ammont mitlub fil-mandat ta’ arrest maħruġ minnha huwa eċċessiv u li għalhekk ġiet pruvata l-allegazzjoni tal-kumpanija

esponenti illi l-istess mandat ta' arrest huwa milqut bl-illegalita' *a tenur* tal-**artikolu 836(1)(d)** u għandu għalhekk jiġi dikjarat li ġie ottjenut illegalment u li għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna li s-sommom depożitati mill-kumpanija esponenti jiġu ritornati lilha minnufiħ (fl-intier tagħhom jew in parti) *a tenur* tal-**artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12**;

**Tonqos il-Prova li *Prima Facie* hemm pretensjoni kontra l-kumpanija esponenti**

Illi dwar il-fatturi li allegatament ippreżentat il-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. flimkien mar-risposta tagħha, bir-rispett dawn ma jikkostitwixxu ebda prova dwar xi pretensjoni kontra l-kumpanija esponenti li setgħet tiġġustifika l-ħruġ ta' mandat ta' arrest tal-inġenji tal-ajru tagħha;

Illi fl-ewwel lok u bħala premessa jrid jingħad illi l-kumpanija esponenti qatt ma ingħatat u lanqas ma tista' tikseb kopja tas-CD li allegatament tikkontjeni kopja elettronika tal-fatturi rilevanti għall-pretensjonijiet tal-kumpanija Societa' Aeroporto di Catania S.p.A.;

Illi sakemm dak is-CD ma jurix b'mod ċar liema huma l-fatturi rilevanti għall-ajruplan tal-kumpanija esponenti u ċioe' l-Airbus A320-211 bin-numru tas-serje tal-manifattur 215(MSN 215) u li dawk il-fatturi huma indirizzati lill-kumpanija esponenti u li dawk il-fatturi jammontaw għal somma ikbar minn miljun ewro (€1,000,000) allura ma tistax titqies illi nġabet prova suffiċjenti dwar pretensjoni *prima facie* kontra l-kumpanija esponenti li tiġġustifika l-ħruġ tal-mandat ta' arrest in kwistjoni;

Illi sfortunatament il-kumpanija esponenti ma tistax tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri dwar dan il-punt għaliex qatt ma rċeviet ebda forma ta' prova dokumentarja dwar il-pretensjoni ta' Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. u dan ukoll għaliex l-istess kumpanija lanqas biss ma ndenjat ruħha toħroġ notifika lill-kumpanija esponenti tar-risposta tagħha. Għalhekk ukoll tibqa' ttenni l-kumpanija

esponenti illi fiċ-ċirkostanzi l-ħruġ tal-mandat ta’ arrest *de quo* ma jistax ikun ġustifikabbli;

**Dwar Jekk Tapplikax il-Limitazzjoni fl-artikolu 865E tal-Kapitolu 12**

Illi a fol. 6 tar-risposta tagħha l-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. tgħid illi mkien ma nġabet prova illi l-ajruplan mertu tal-mandat ta’ arrest kien qiegħed jiġi użat għat-trasport pubbliku u li għalhekk ma hemmx prova li għandha tapplika l-limitazzjoni imposta fl-**artikolu 865E tal-Kapitolu 12** għall-ħruġ ta’ mandat ta’ arrest ta’ inġenji tal-ajru;

Illi bir-rispett din hija dikjarazzjoni frivola u vessatorja għall-aħħar, jekk ma tistax tissejjaħ ukoll banali. Kif tammetti l-kumpanija Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. stess fir-risposta tagħha il-pretensjonijiet tagħha huma għall-ħlas ta’ *airport charges* inkorsi mil-linja ta’ l-ajru Wind Jet S.p.A. li kienet topera l-Ajruplan in kwistjoni u li hija *airline* lit opera minn Catania stess u li tagħti servizzi ta’ trasport pubbliku ta’ passiġġieri u merkanzija;

Illi donnha il-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. tipprova tgħid li ma tafx għaliex kien qed jintuża dan l-Ajruplan li kien jopera mill-ajruport tagħha stess jew x’użu kienet qed tagħmel il-Wind Jet S.p.A. mill-istess ajrpulan! Donnu s-Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. qed tipprova tagħti l-impressjoni li ma kenitx taf jekk humiex qed jinġarru passiġġieri u merkanzija fuq dan l-ajruplan u l-ajruplani l-oħra operati minn Wind Jet S.p.A. li kienu jagħmlu titjiriet mill-ajruport tagħha stess kuljum!

**Dwar Jekk għandhomx jitqiesu l-Imgħaxijiet għar-rigward tal-valur tal-pretensjoni tal-kumpanija Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. għall-fini tal-artikolu 865E tal-Kapitolu 12**

Illi skont l-Artikolu 865E “*l-mandat ta’ arrest jista’ jintalab quddiem, u jingħata minn, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha jew il-Prim’Awla tal- Qorti Ċivili biex*

*jitqiegħed fiż-żgur kreditu jew pretensjoni oħra ta' mhux anqas minn sebat elef euro u fejn inġenji tal-ajru li jkun qiegħed jiġi użat għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri jew merkanzija bl-ajru, ta' mhux anqas minn miljun ewro…*";

Illi skont Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. biex tiddetermina l-valur tal-pretensjoni tagħha u allura jekk din teċċedix il-limitu impost mil-liġi (ta' miljun ewro) dina l-Onorabbli Qorti għandha tieħu konjizzjoni tal-imgħaxijiet futuri u f'dan il-kuntest tagħmel riferenza għal diversi disposizzjonijiet ta' liġijiet Maltin u Europej;

Illi fl-ewwel lok irid jingħad illi bħalma jiġri f'kull mandat kawtelatorju ieħor għall-fini ta' konsiderazzjonijiet dwar il-kompetenza tal-Qrati ta' Malta bejniethom hija dik li hija komunament magħrufa bħala "s-sorte" ossia d-debitu prinċipali li tiddetermina l-kompetenza tal-Qorti;

Illi r-raġuni hija li l-imgħax ma huwiex parti mill-kreditu iżda huwa meqjus bħala rikompens għat-telf li jsofri kreditur meta ma jitħallasx fiż-żmien. *In oltre*, l-imgħax futur huwa dejjem ipotetiku għaliex jiddependi mis-sorte li talvolta jiġi aġġudikat favur il-kreditur (li jista' jkun inqas minn dak mitlub) u għaliex jiddependi wkoll minn kemm ser idumu l-proċeduri ġudizzjarji fuq il-mertu (ħaġa li hija iktar u iktar diffiċli li tiġi determinata f'dawn il-proċeduri peress illi l-kawża fuq il-mertu ser tiġi deċiża mill-Qrati ta' pajjiz ieħor);

Illi għalhekk ukoll f'kull mandat kawtelatorju is-sorte tiġi indikata separatament mill-imgħaxijiet u spejjez (li jiġu "riżervati") għaliex dawn ta' l-aħħar huma sommom inċerti u ipotetiċi u ma għandhomx għalhekk jiddeterminaw la l-kompetenza tal-Qorti u wisq anqas jekk tiġix milħuqa limitazzjoni imposta mil-liġi;

Illi f'dan il-kuntest il-kumpanija esponenti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-kawża *Gheiti and Sons Limited* vs *Perit Arkitett Colin Zammit* (deċiża fid-19 ta' Mejju, 2011) fejn il-Qorti qalet hekk:

"*Din il- Qorti ma tqis li kellhom jizdiedu la l-VAT mas-sorte u anqas l-imghaxijiet mas-sorte mitlub biex tasal ghall-konkluzjoni jekk it-talba taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti billi la l-VAT u anqas l-imghax mhux parti mill-kreditu izda hu meqjus bhala rikompens ghat-telf li sofra l-kreditur sakemm jithallas tal-kreditu w inoltre l-ammont tal-imghax hu ipotetiku ghax jiddependi mis-sorte li talvolta jista' jigi aggudikat favur il-konvenut, kwistjoni li hu car ghadha pendenti bejn il-partijiet. Kwindi ghall-ezami tal-kompetenza o meno tal-Qorti trid tittiehed biss il-pretensjoni tal-konvenut bhala l-bazi ghal-fini ta' determinazzjoni tal-kompetenza*".

Illi fil-fatt, kif jirriżulta mid-dokument anness mar-risposta ta' Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. bħala **Dok "C"** jirriżulta illi anke' fil-kawża fuq il-mertu preżentata ġewwa l-Italja is-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni hemm preżentata (vide fol. 5 u 6) hija s-somma ta' €1,088,035.47 fil-waqt illi l-imgħaxijiet huma mitluba separatament u lanqas ma huma kalkolati;

Illi fil-fatt it-talba fl-istess ċitazzjoni hija dedotta hekk:

"*conseguentemente e per l-effetto, per I motive esposti in narrative, condannare la ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited, in persona del legale rappresentante pro-tempore, con sede in Aercap House, Shannon Co Clare, Irlanda, al pagamento in favore della S.A.C. S.p.A. della somma di €1,088,035.47 o della diversa somma maggiore o minore che dovesse essere accertata in corso di causa,* ***oltre interessi di mora dalla maturazione del credito al soddisfo***" (emfasi miżjud).

Illi barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju, kif jirriżulta mid-dokument anness mar-risposta ta' Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. bħala **Dok "D"** l-imgħaxijiet arbitrarjament magħduda minnha mas-sorte għall-fini tal-mandat ta' arrest odjern huwa ta' għoxrin fil-mija (20%), rata li teċċedi bis-sħiħ ir-rata massima permessa mil-liġi ta' Malta u li hija għalhekk eċċessiva u illegali u li saħansitra hija bi ksur ta' disposizzjonijiet tal-liġijiet dwar l-usura li huma meqjusa li huma ta' ordni pubbliku;

**Dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Kumpanija Esponenti taħt il-Kapitolu 503 u l-Cape Town Convention**

Illi r-risposta tal-kumpanija Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. fir-rigward tas-sottomissjonijiet tal-kumpanija esponenti dwar il-ksur tad-drittijiet tagħha taħt il-Cape Town Convention ma tgħid xejn ħlief li l-kumpanija esponenti ma ġabitx prova ta dak li l-kumpanija rikorrenti ssejjaħ "teorija";

Illi s-sottomissjonijiet magħmula mill-kumpanija esponenti fir-rikors tagħha ma humiex "teoriji" iżda huma spjegazzjoni ta' posizzjoni legali, senjatament id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Ajru u tal-*Cape Town Convention* kif ratifikata mill-Gvern ta' Malta;

Illi għaldqstant ma hemmx lok ta' "provi" dwar is-sottomissjonijiet tal-kumpanija esponenti għaliex dawn huma sottomissjonijiet legali u mhux ta' fatt. Il-prinċipji legali relattivi japplikaw għall-fatti rilevanti tal-kaz li ma humiex kontestati ossia li kien hemm arrest ta' ajruplan proprjeta' tal-kumpanija esponenti; li l-kumpanija esponenti għandha garanzija internazzjonali reġistrata fir-Reġistru Internazzjonali (prova dokumentarja provduta); illi Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. ma għandhiex garanzija internazzjonali reġistrata u ma hijiex kreditur privileġġjat; illi fiż-żmien ta' l-arrest l-kumpanija esponenti kienet qed teżerċita r-rimedji u drittijiet speċjali tagħha taħt l-Kapitolu 503 u l-*Cape Town Convention;* u li għalhekk l-arrest kiser dawn id-drittijiet speċjali tal-kumpanija esponenti għaliex interrompiha fl-eżerċizzju ta' dawk ir-rimedji u drittijiet;

Illi s-sottomissjonijiet legali rilevanti kollha ġja saru fid-dettall fir-rikors tal-kumpanija esponenti u ma huwiex l-iskop ta' din ir-replika li dawk is-sottomissjonijiet jiġu ripetuti anke' għaliex bl-ebda mod ma ġew kontrastati mill-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. ħlief biex tgħid li ma nġabitx prova tat-"teorija" tal-kumpanija esponenti;

Illi *in noltre* l-kumpanija rikorrenti Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. targumenta wkoll illi peress illi l-Artikolu 865E jiddistingwi bejn kreditur li għandu garanzija internazzjonali u kreditur li ma għandux l-istess garanzija allura hija setgħet tapplika għall-istess mandat ta' arrest;

Illi dan mhux kontestat pero' ma huwiex il-punt li qed tagħmel il-kumpanija esponenti. Il-punt legali li qed tagħmel il-kumpanija esponenti huwa fis-sens illi kreditur li ma jkunx jgawdi minn garanzija internazzjonali (jew li għandu garanzija sussegwenti) ma jista bl-ebda mod (lanqas bil-ħruġ ta' mandat ta' arrest) jinterrompi detentur ta' garanzija internazzjonali jew id-detentur ta' garanzija internazjonali anteċedenti milli jeżeċita d-drittijiet spettanti lilu skont il-Kapitolu 503 u skont il-*Cape Town Convention* għaliex allura jiġi eskluz kull dritt u privileġġ illi l-istess garanzija internazzjonali kienet intenzjonata illi tagħtih u jiġi eskluz ukoll minn kull protezzjoni illi l-*Cape Town Convention* kienet maħsuba li tagħti lid-detenturi ta' garanziji internazzjonali reġistrati;

Illi dwar l-allegazzjoni ta' Societa' Aeroporto di Catania S.p.A. illi skont il-liġi ta' l-Italja għandha xi privileġġ speċjali fuq l-inġenju ta' l-ajru mertu tal-mandat ta' arrest in kwistjoni, bir-rispett, dan ma għandu ebda rilevanza għall-proċeduri odjerni stante illi skont il-prinċipji tad-dritt internazzjonali privat hija dejjem il-*lex fori* li tiddetermina l-gradwazzjoni tal-kredituri (vide Cheshire & North's *Private International Law* thirteenth edition (2004) a fol. 82 sa 84 fejn fost affarijiet oħra l-awturi jgħidu hekk "*The law of the forum governs (order of priority) because the issue of priority forms no part of the transaction under which a creditor has acquired his right…. Where, for instance, one or more persons prosecute claims against a ship that has been arrested in England, the order in which they are entitled to be paid is governed exclusively by English law*";

Illi l-Qrati tagħna dejjem segwew il-prinċipji tad-dritt internazzjonali privat kif stabbiliti mill-Qrati Ingliżi u bl-istess mod ukoll għandu japplika dan il-prinċipju u ċioe' illi hija l-liġi Maltija bħala *lex fori* fir-rigward tal-mandat ta' l-

arrest li għandha tiddetermina jekk id-dritt tal-kumpanija esponenti in kwantu detentur ta’ garanzija internazzjonali reġistrata tippregwadax dik tal-kumpanija Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. li ma għandha ebda privileġġ taħt il-liġi ta’ Malta u jekk setgħetx allura titlob u tikseb il-ħruġ tal-mandat ta’ arrest tal-ajruplan bi ksur tal-privileġġ tal-kumpanija esponenti;

Illi għalhekk ukoll hija insostenibbli r-risposta tal-kumpanija rikorrenti Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. fir-rigward tad-drittijiet tal-kumpanija esponenti taħt il-*Cape Town Convention*;

Tant għandha x’tissottometti l-kumpanija esponenti b’replika għar-risposta ta’ Societa’ Aeroporto di Catania S.p.A. u għas-savju u superjuri ġudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Joseph J. Vella *nomine* datat 13 ta’ Settembru 2012 fejn talab lill-Qorti joghgobha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontenut tar-replika fuq imsemmija pprezentata mis-socjeta` rikorrenti fit-12 ta’ Settembru 2012 u tordna illi l-istess replika tigi sfilzata minnufih mill-atti odjerni.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Nicolai Vella Falzon nomine datata 24 ta’ Settembru 2012.

Dwar tali rikors ghar-revoka tar-replika din il-Qorti tichad it-talba b’dan id-digriet odjern.

Rat li r-rikors gie notifikat lis-socjeta’ intimata l-ohra izda ma saret ebda risposta.

Rat ir-rikors datat 3 ta’ Dicembru, 2012 u d-digriet tal-Qorti tal-5 ta’ Dicembru 2012 fejn cahdet it-talba.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-21 ta’ Awwissu 2012 s-socjeta’ Aeroporto Catania S.p.A. talbet u ottjeniet kontra s-socjetajiet intimati l-hrug ta’ mandat ta’ arrest kawtelatorju (Nru. 1223/2012) fuq l-ajruplan Airbus Industrie A 320-211 EI-DOE, li f’dak iz-zmien kien fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, fuq kreditu pretiz minnha kontra s-socjetajiet intimati, fl-ammont ta’ €1,305,642.57 (Dok. “A”) – fol. 59).

Illi fid-29 ta’ Awwissu 2012, is-socjeta’ rikorrenti, ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited talbet u ottjeniet il-hrug ta’ kontro-mandat (Nru.1265/2012), wara li ddepozitat l-imsemmi ammont fir-Registru tal-Qorti bhala garanzji dwar il-pretensjoni tas-socjeta’ Aeroporto Catania S.p.A., u b’hekk ottjeniet ir-rilaxx tal-arjuplan fuq indikat (Dok. “B”).

Illi fid-29 ta’ Awwissu 2012, is-socjeta’ rikorrenti ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215, prezentat ir-rikors odjern, li permezz tieghu qed titlob a tenur tal-**artikolu 836 (7) tal-Kap.12** li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-imsemmi mandat ta’ arrest kawtelatorju (1265/2012) gie mahrug kontra l-ligi bi ksur tal-**artikoli 836 (1) (b) (d) u (f) tal-istess Kap 12,** u l-**artikoli 33 u 41 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ta’ l-Ingenji ta’ l-Ajru (Kap.503)**; (2) tordna favur taghha r-rilaxx u l-izbank tal-imsemmi ammont, parzjalment jew in toto, (3) tordna l-hlas tal-penali a tenur tal-**artikolu 836 (8)** u/jew **artikolu 865G** tal-istess Kap; [4] u f’kaz li t-talbiet taghha ma jigux milqugha, *in toto* jew *in parte*, is-socjeta’ Aeroporto Catania S.p.A tigi ordnata taghti garanzija xierqa fi zmien prefiss minnha, ghall-ispejjez u danni li ser iggarrab is-socjeta’ rikorrenti.

Is-socjeta’ rikorrenti qed issostni li hija kriet l-ajruplan lis-socjeta’ Wind Jet S.p.A; u li l-ajruplan kien jinsab Malta fiz-zmien meta s-socjeta’ hija kienet ser tibda bil-process ta’ *repossession* f’Malta minhabba l-hlasijiet ta’ kirjiet dovuti u ghall-ksur ta’ diversi obbligazzjonijiet ohra taht *Aircraft Lease Agreement* (Dok. “D”).

Illi s-socjeta' intimata l-ohra Catania S.p.A arrestat b'mandat l-arjuplan l-Italja rizultat ta' relazzjoni kuntrattrali li kellha mas-socjeta' Wind Jet S.p.A u s-socjeta' rikorrenti qatt ma kienet taf b'xejn.

B'hekk is-socjeta' rikorrenti ma setghatx tivverifika l-pretensjonijiet tas-socjeta' Taljana u tezercita d-drittijiet taghha skont il-Lease Agreement. Inghad li fil-11 ta' Awwissu 2011 s-socjeta' rikorrenti prezentat rikors fit-Tribunal Civile di Catania sabiex johrog *sequestro* provizzjorju li kellu jigi notifikat skont digriet tal-Qorti lis-socjeta' rikorrenti sad-19 ta' Awwissu 2012 (Dok. "E"), izda dan ma sarx u  minflok sar ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Arrest hawn Malta. Fit-28 ta' Awwissu 2012 tali digriet gie revokat u b'hekk kien hemm cahda ghat-talba sabiex l-istess ajruplan jigi arrestat l-Italja u ghalhekk il-procedura f'Malta hija llegali.

Inghad ukoll li l-kumpanija Taljana fir-rikors taghha l-Italja kien sabiex jinqabdu zewgt ajruplani wiehed minnhom dak fuq indikat proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti odjerna u l-iehor tas-socjeta' Eden Irish Aircraft Leasing Limited MSN 204 ghall-ammont komplessiv ta' €1,342,203.67; izda fil-mandati li saru Malta l-ammonti mitluba skont zewg rikorsi, wiehed minnhom dak odjern kienu ta' €1,305.642.57 u l-iehor fl-ammont ta' €1,029,552.39 u fir-rigward tal-ajruplan l-iehor EI-DFN MSN 2104 b'kollox €2.335.194.96 b'dan li ghalhekk huwa skont is-socjeta' rikorrenti impossibbli li dan l-ammont huwa dovut meta l-istess socjeta' Wind Jet S.p.A waqfet l-operazzjonijiet taghha fil-11 ta' Awwissu 2011.

Illi barra minnhekk, il-mandat ta' arrest sar bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-**Att Dwar ir-Registrazzjoni ta' l-Ingenji tal-Ajur (Kap.503)** li mplimenta l-Cape Town Convention on International Interests in Mobile Equipment and the Aircraft Protocol Thereto (2001), stante li s-socjeta' rikorrenti ghandha garanzjia reali *(security interest),* li huwa *international interest,* bis-sahha tal-*Aircraft Lease Agreement* mas-socjeta' Wind Jet S.p.A, u li bis-sahha tal-**artikolu 41** huwa dritt privileggjat li s-socjeta' Aeroporto Catania S.p.A m'ghandhiex, u

ghalhekk id-drittijiet tas-socjeta’ rikorrrenti, hekk garantiti, jigu qabel dawk ta’ din is-socjeta’.

Inghad ukoll li l**-artikolu 33 (8) tal-Kap.503** jimponi l-obbligu fuq kull terza persuna (inkluz ghalhekk il-kumpanija Aeroporto Catania S.p.A) li jkollha fil-pussess taghha l-ingenji tal-ajru li tikkoopera bis-shih mal-kreditur tal-garanzija nternazzjonali ghar-ripussess u kontroll assolut fuq l-ajruplan.  Barra minn hekk l-**artikolu 33 (2) tal-Kap. 308** jaghti d-dritt li s-socjeta’ rikorrenti tiehu pussess tal-ajruplan minghajr intervent tal-Qorti.

Gie sottomess li r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ arrest huwa wkoll monk ai termini tal-**artikolu 865E**, peress li l-kreditu pretiz mis-socjeta’ Aeroporto Catania S.p.A ma jisspuperax  l-ammont ta’ €1,000,000 kif iktar il-fuq f’dan id-digriet.

Gie wkoll sottomess li fil-kaz li t-talba tar-rikorrenti ma tintlaqax, *in toto* jew *in parte*, socjeta’ Aeroporto Catania S.p.A ghandha tiddepozita somma bhala garanzija xierqa a tenur tal-**artikolu 838A tal-Kap.12**

Risposta tas-socjeta’ intimata Aeroporto Catania S.p.A  li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex il-kontro-mandat ma harigx skont l-**artikolu 836 (7) tal-Kap. 12** u ma gietx sewgieta l-procedura idonea skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (2) u (3) tal-Kap. 12.**

Dwar it-talba ghall-penali skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (8)** fir-rikors ma jinghadx ghaliex tali penali ghandha tigi mposta. Fi kwalunkwe kaz il-kawza giet prezentata fl-Italja fit-terminu ndikat fl-**artikolu 843 tal-Kap. 12** (Dok. “C”) u b’hekk l-**artikolu 836 (8) (a)** ma japplikax; dwar l-**artikolu 836 (8) (b)** ma hemm ebda talba ghar-revoka tal-mandat u ghalhekk dan l-artikolu ma japplikax ukoll; dwar l-**artikolu 836 (8) (c)** is-socjeta’ rikorrenti ma gabet l-ebda prova li ghandha assi sabiex thallas il-kreditu pretiz anzi waqt li kienu qed jittiehdu proceduri l-Italja rat kif ghamlet u harrbet minn hemm l-istess ajruplan; dwar l-**artikolu 836 (8) (d)** l-azzjoni giet prezentata fit-terminu fil-forum adegwat; apparti minn

hekk fid-data tar-rikjesta ghall-hrug ta' mandat fl-Italja l-ammont dovut kien ghadu qed jigi kkalkolat u hekk sar skont affidavit anness mar-risposta (Dok. "D") li stabbilixxa l-ammont dovut. Inghad li l-mandat hareg abbazi tal-**artikolu 865 E tal-Kap. 12** u l-imghax dovut huwa parti mis-sorte skont id-disposizzjonijiet hemm citati nkluz l-**artikolu 1141 (1) tal-Kap. 16** u d-**Direttiva 2000/35 CE** li pprovdiet li l-imghaxijiet huma dovuti *ex lege.* B'hekk ma jistax jinghad li tali mandat inhareg b'malizzja jew huwa frivolu u vessatorju.

B'hekk is-socjeta intimata qed tikkontendi li l-mandat kawtelatorju kien mehtieg sabiex din is-socjeta' tikkawtela l-kreditu sostanzjali taghha fl-ammont fuq indikat, flimkien mal-imghax relattiv, liema ammont jirrapprezenta *landing fees* u spejjez ohra ghall-uzu tal-ajruport gewwa Catania gestit minnha, u li huma relatati mal-ajruplan operat mis-socejta' Wind Jet S.p.A

Illi skont il-ligi Taljana ghal dan il-kreditu huma responsabbli, kemm is-sid kif ukoll l-operaturi tal-ajruplan; u wkoll, l-istess socjeta' kreditrici ghandha privilegg specjali (artikolu 1023 tal-Codice della Navigazione) fuqu.

Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' intimata jinsabu dedotti f' azzjoni appozita, f'kawza maghmula mill-istess socjeta' u li bhal issa hemm pendenti quddiem it-Tribunale Civile di Catania.

Illi l-**artikolu 31 tar-Regolamenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 44/2001**, jipprovdi l-possibbilita' li jintalab hrug ta' mizuri protettivi minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minkejja li l-meritu tal-pretensjoni, li abbazi taghha jintalab il-hrug tal-imsemmija mizura, jinstema' u jigi determinat minn qorti ta' Stat Membru iehor.

Inoltre, skont l-**artikolu 855 tal-Kap. 12** il-hrug tal-mandat ta' arrest ta' ingenji tal-ajru jista' jinhareg kemm meta l-pretenzjoni tkun *in rem* kif ukoll meta tkun *in personam*.

Illi din hija talba mis-socjeta' rikorrenti sabiex din il-Qorti fil-konfront taghha (1) tordna r-revoka tal-mandat ta'

sekwestru numru 1602/2010, u dan *a tenur* tal-**artikoli 836 (1) (b), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**; (2) tordna li l-ammont ta' garanzija depositata minnha tigi rtirata (3) tordna lis-socjeta' intimata thallas penali abbazi tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 u jew artikolu 865G tal-Kap. 12;** (4) fil-kaz li l-garanzija moghtija mis-socjeta' rikorrenti tibqa' fis-sehh *in toto* jew *in parte* tordna lis-socjeta' intimata odjerna sabiex skont l-**artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** garanzija xierqa fi zmien preskritt ghall-hlas ta' danni u fin-nuqqas il-garanzija offerta mis-socjeta' rikorrenti odjerna tigi ritornata lilha.

Illi l-**artikolu 836 tal-Kap. 12** jipprovdi li:-

*"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qieghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

Illi fost ir-ragunijiet imsemmija hemm dawk abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b) (d) u (f) tal-Kap. 12** li jipprovdu li:-

*"(b) wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001) u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) inghad ukoll *"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa*

*dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel I-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".*

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.* ***("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"*** *– P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001;* ***"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"*** *P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".*

Kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. L-istharrig mehtieg fi proceduri bhal dawn huwa mabrut ma' ezami iktar formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir u l-Qorti trid timxi fuq dak li gie ndikat quddiemha u tiddeciedi biss fuq dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn.

B'hekk il-Qorti tistharreg li r-rekwiziti mitluba mill-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b' mod abbuziv. **"Paul Hili vs Dr.Joselle Farrugia"** – K. (GMA) – 23 ta' Gunju 1994).

Dwar l-**artikolu 836 (1) (d)** fejn jirreferi li l-ammont mhuwiex prima facie gustifikat jew eccessiv *"il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' mandat kawtelatorju taht dan ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretenzjoni, u fit-tieni lok jekk wasal biex "jillikwida" tali*

*pretensjoni f' somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat"*.

M' ghandux jitnesa li l-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza u wkoll li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi defenit minn Qorti. **("Vincent Mercieca vs George Galea"** – P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir **("Salvino Farrugia vs Exalco Holdings Ltd"** (P.A. (GV) – 6 ta' Dicembru 1999) jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhrix mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b' mod azzardat.

Il-kwistjoni jekk l-intimat kellux xi rabta guridika mal-kumpanija rikorrenti m' hijiex aspett li jista' jew ghandu jigi determinat *prima facie* f'din il-procedura. (**"Carmelo Castelli vs Focal Maritime Services Limited"** P.A. (GC) – 26 ta' April 2002).

Jekk 'il quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-intimat ezekutant m'ghandu jhallas xejn, xorta wahda ma jistax jinghad necessarjament li l-mandat ma kienx iggustifikat. Is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nhareg b' mod vessatorju jew fieragh. **("Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** - [P.A. (JSP) 10 ta' Jannar 1992); **"Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited"** P.A. (JRM) - 16 ta' April 2004).

Illi *"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra [r-rikorrenti] mhux bizzejjed biex hu jitlob … il-garanzija (l-artikolu 838A). Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat li jkun hemm kawza gusta …..It-tifsira ta' kawza gusta ma tehodhiex minn dak li jghid l-artikolu 836(1) Kap.12. Jekk ikun hemm dawn ir-*

*ragunijiet, il-mandat jithassar u mhux jinzamm fis-sehh sakemm jinghata garanzija*." **("Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 937/00).

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, sabiex jigu minimizzati d-danni li s-socjeta' rikorrenti sofriet bl-arrest tal-ajruplan, hija talbet u ottjeniet il-hrug ta' kontro-mandat, wara li ddepozitat fir-registru tal-Qorti s-somma kollha rapprezentanti l-kreditu pretiz mis-socjeta' intimata.

Din is-sitwazzjoni hija prevista u kontemplata fl-**artikolu 836 (7) tal-Kap.12** intiz proprju sabiex l-allegat debitur ikun jista' bl-ghoti ta' garanzija xierqa jikseb ir-rilaxx, tal-oggett maqbud,u b'hekk jimminimizza d-danni li jkun qed isofri, filwaqt li jkun jista' legalment jikkontesta l-legalita' tal-mandat mahrug kontra tieghu, bil-ghan li jiehu lura l-garanzija moghtija minnu, jew jakkwista riduzzjoni taghha. Wara kollox l-arrest tal-ajruplan kien intiz biss sabiex jigi kawtelat il-kreditu pretiz, u ghalhekk, gjaladarba fil-kaz in dizamina dan il-kreditu jinsab adegwatament kawtelat bl-imsemmi depozitu, din il-Qorti kienet fid-dover li tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-hrug tal-kontro-mandat.

Ma' dan jinghad li minn ezami tal-mandat ta' arrest jirrizulta car li dan formalment ghandu r-rekwiziti kollha li tezigi l-ligi. Jirrizulta *prima facie* li s-socjeta' intimata ghandha kreditu sostanzjali kontra s-socjeta' rikorrenti, fl-ammont indikat fl-istess mandat, fuq l-ajruplan li d-dettalji tieghu gew indikati b'mod li dan huwa facilment identifikabbli, kif ukoll hemm specifikata l-kawzali li fuqu qed tibbaza l-pretensjoni taghha. Inoltre, ir-rikors ghal hrug tal-mandat jinsab konfermat bil-gurament.

Ma' dan jizdied u jinghad li l-ammonti indikati f'pagna 5 u 6 tar-rikors odjern jirreferu ghall-kalkoli li ghandhom isiru fil-mertu u l-proceduri odjerni jidher li huma ben koperti bil-proceduri li saru f'Catania li jirreferu ghall-ammont indikat u wkoll imghax (Dok. "C" – fol. 71). F'dan il-kuntest ukoll il-mandat kif prezentat jissodisfa r-rekwiziti tal-**artikolu 865 E tal-Kap. 12** ghaliex huwa tal-ammont hemm indikat; kull konsiderazzjoni ohra ma hijiex mertu ta' dawn il-proceduri.

Dwar li l-mandat ghandu jigi revokat abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b)** jinghad li s-socjeta' rikorrenti ma ndikatx liema kondizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghall-hrug tal-mandat kienu neqsin. Kull ma inghad huwa li t-talba ma hijiex ta' miljun Ewro kif indikat fl-**artikolu 865 E tal-Kap. 12,** izda dan fil-mandat ma huwiex minnu. Dwar il-proceduri li nfethu Katanja jidher li l-ammont ma huwiex limitat ghas-sorte hemm mitlub izda wkoll ghall-imghax sal-effettiv pagament (Dok. "C") u b'hekk l-ammont indikat f'dan il-mandat jidher li sar regolarment u dan huwa f'dan l-istadju dak kollu li din il-Qorti ghandha jew tista' tezaminha.

Taht dan l-aspett is-socjeta' rikorrenti tghid ukoll li l-mandat ta' arrest inhareg illegalment bi vjolazzjoni ta' l-**artikoli 41 u 43 tal-Kap.503** ghaliex hija ghandha *registered international interest* fuq l-ajruplan, u hija kienet meta nhareg il-mandat fi process li tiehu l-ajruplan lura peress li s-socjeta' Wind Jet S.p.a kienet kissret l-obbligi taghha skont il-ftehim ta' kera li kellhom bejniethom koperti b'garanzija skont il-**Kap. 503** u *registered international interest* skont il-***Cape Town Convention.***

F'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva li min-naha taghha s-socjeta' intimata ssostni li ghandha privilegg fuq il-kreditu taghha ghas-servizzi li hija tat in konnessjoni mal-imsemmi ajruplan.  Ma hemmx dubju li din il-materja fl-ahhar mill-ahhar hija materja ta' konkors ta' kredituri, li ghandha tigi deciza fil-mertu mill-qorti li quddiemha jkun qed jinstema' l-kaz, u mhux minn din il-Qorti li l-funzjoni taghha hija biss li tara jekk *prima facie* kienx hemm lok ghall-hrug tal-mandat.

Dan japplika l-punti kollha mqajjma mis-socjeta' rikorrenti fuq dan il-bazi, izda huwa relevanti wkoll il-fatt li l-hrug ta' dan il-mandat ma huwa ta' ebda ostakolu ghal kull privilegg jew *registered international interest* li s-socjeta' rikorrenti qed tallega li ghandha fuq l-istess ajruplan. Il-mandat ta' inibizzjoni mahrug ma jaffetwax dan u ghalhekk id-drittijiet li s-socjeta' rikorrenti qed tvanta li ghandha skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 41 (2) u (3) tal-Kap. 503** bl-ebda mod ma gew effettwati b'tali mandat

u ghalhekk din it-talba ghar-revoka tal-mandat fuq din il-bazi qed tigi michuda. Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' rikorrenti in kwantu bbazata fuq id-dispost tal-**artikolu 836 (1) (b) mhijiex gustifikata.**

Illi dwar it-talba bazata fuq l-**artikolu 836 (1) (d)** il-Qorti tosserva li s-socjeta' rikorrenti ma pprovatx li l-ammont tal-kreditu pretiz mis-socjeta' intimata huwa fil-*prima facie* eccessiv jew mhux gustifikat. Min-naha taghha s-socjeta' intimata prezentat numru ta' dokumenti, f'*compact disc*, li juri diversi fatturi mahruga mis-socjeta' intimata lis-socjeta' Wind Jet S.p.A, li kif pacifikatament akkolt miz-zewg partijiet, hija responsabbli *in solidum* mas-sid tal-ajurplan. Apparti minnhekk is-socjeta' intimata bdiet proceduri l-Italja kontra s-socjeta' rikorrenti, biex tirkupra l-ammont pretiz minnha. Ghalhekk anke din it-talba mhijiex gustifikata.

Dwar l-**artikolu 836 (1) (f)** jinghad li ma intweriet l-ebda raguni ghaliex tali mandat mhux gustifikabbli li jibqa' fis-sehh u lanqas li ma huwiex ragonevoli li jibqa' *in vigore* u ghalhekk anke taht dan l-aspett it-talba tas-socjeta' rikorrenti qed tigi michuda.

Ghall-komplettezza jinghad li xejn kontenut fir-replika tas-socjeta' rikorrenti ma jbiddel dak li qed jigi hawn deciz.

Illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob li din il-Qorti timponi penali fuq is-socjeta' intimata fit-termini tal-**artikolu 836 (8) u l-artikolu 865G tal-Kap.12.** Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li ma gewx specifikati mill-istess socjeta' l-paragrafi kontenuti fl-Artikolu 836 (8) li fuqhom qed tibbaza t-talba taghha; u ghalhekk il-Qorti mhijiex fil-pozizzjoni li tidentifika l-bazi legali ta' dan l-ilment. Ghaldaqstant, tenut kont li l-impozizzjoni ta' penali hija fin-natura ta' sanzjoni u ghalhekk dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b'mod ristrettiv, din il-Qorti, fl-assenza ta' indikazzjoni tal-paragrafu jew paragrafi li fuqhom qed tigi bazata din it-talba, mhux ser tiehu konjizzjoni aktar ta' l-istess. Wara kollox kien jispetta lil min jallega l-ksur tal-ligi, li qabel kollox jidentifika l-artikolu tal-ligi allegatament miksur.

Illi rigward it-talba ghall-hlas tal-penali in kwantu tikkoncerna l-**artikolu 865G**, il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li kien hemm xi qerq fil-hrug tal-mandat *de quo*; kif lanqas ma jirrizulta li hemm lok, fl-assenza ta' raguni valida, li din il-Qorti timponi fuq is-socjeta' intimata l-ghoti ta' garanzija fit-termini ta' l-**artikolu 838A.**

**III. KONKLUZZJONI.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' intimata datata 10 ta' Settembru 2012 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors tas-socjeta' rikorrenti odjerna ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited fir-rikors taghha datat 29 ta' Awwissu 2009** ghaliex tali talbiet hemm kontenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti **ALS Irish Aircraft Leasing MSN 215 Limited.**

Tordna komunika ta' dan il-provediment lil: Dr.Nicholai Vella Falzon, u Dr.Joseph J. Vella.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------